30 SENA 1981-2011

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X



# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

MEJJU – ĠUNJU 2011

Nru 180



College
Pjazza Ġużè Debono
L-Imsida MSD 1252
Malta

## ĦARES LIL DIN IL-GŻIRA KIF DEJJEM GĦAMILT TUL L-ISTORJA

*L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex*
*Solennità Liturġika ta' San Ġorġ, Mejju 2011*

## Il-Bażilika ta' San Ġorġ takkwista kważi €127,000 minn fondi ta' eko-Għawdex

» aqra iżjed f'paġna 8



L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona u Francesco Pio Attard jiffirmaw għall-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika.
(Ħajr lill-Ministeru għal Għawdex)

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 2155 6377, fax: 2155 6981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Festa għal min?

Issa li qegħdin fil-qalba ta' l-istaġun tal-Festa ta' San Ġorġ, tajjeb li nistaqsu lilna nfusna: *Lil min* qed nagħmluha din il-festa? Dak kollu li niċċelebraw, nagħmluh tassew skond l-għan li għalih għandha ssir il-festa u fid-dawl ta' l-ispirtu veru tagħha?

Jitħejjew bosta attivitajiet fi żmien il-Festa li permezz tagħhom niskopru iżjed il-figura tal-Patrun maħbub tagħna, għax primarjament il-festa tiegħu *miegħu* trid tlaqqagħna, u – permezz tiegħu – ma' Alla. Għalhekk id-disa' Ħamisijiet u n-Novena bi tħejjija spiritwali u didattika, għalhekk it-Tridu u l-omeliji kateketiċi l-oħra fuq il-qaddis, għalhekk il-funzjonijiet u l-liturġiji solenni, għalhekk il-mużika sabiħa u l-espressjonijiet l-oħra ta' l-arti, għalhekk it-tagħmir u tiżjin festiv fil-bażilika kif hu xieraq... biex insellmu lil San Ġorġ bl-aħjar mod, nassimilaw ruħna iktar miegħu, u nkunu nistgħu ngawduh fl-isplendur kollu tiegħu. Għandna wkoll noqogħdu attenti li nżommu ħarsitna ffukata sew fuq *dak* li qed niċċelebraw, biex naħarbu kull periklu li nispiċċaw niċċelebraw lilna nfusna flok lill-qaddis li tant inħobbu...

Sar ħafna xogħol bi tħejjija għall-festa, li ilu għaddej ix-xhur, biex kemm il-bażilika u kemm beltna jkollhom l-isbaħ libsa li tixraq tassew lil San Ġorġ. Is-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, bħal kull sena, tħejji mill-aħjar għall-festi kbar f'ġieħ il-Patrun tal-gżira, biex flimkien nagħmlu l-aqwa u l-aħjar ċelebrazzjoni lill-"Prinċep tal-Martri". Għalhekk din is-soċjetà mużikali jixirqilha kull tifħir u ħajr għall-mod professjonali li bih tiċċelebra l-festi esterni, f'kordinament eżemplari mal-Bażilika Ġorġjana. L-apprezzament tagħna jmur lill-voluntiera kollha, mill-kbir saż-żgħir, li b'xi mod jew ieħor qed jirsistu biex il-Festa ta' San Ġorġ, bħas-snin ta' qabel, tkun waħda unika fil-gżira.

Mela niżguraw ruħna li nattendu għall-funzjonijiet kollha li jsiru fil-bażilika u wara flimkien nimlew it-toroq prinċipali tal-Belt Victoria. U magħna, bħas-snin ta' qabel, nistiednu lir-Rabtin u l-Għawdxin kollha, li magħna ilhom sa mill-qedem iqimu lil San Ġorġ bħala Patrun u Protettur tagħhom. Għax, wara kollox, jekk ma niċċelebrawx lil San Ġorġ, lil min irridu niċċelebraw?

**Il-festa t-tajba!**

### KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

| | |
|---|---|
| 01/05/2011 | **George**, bin George Vassallo u Frances Galea |
| 29/05/2011 | **Gulia**, bint Joseph Grech u Cheryl Borg |
| 12/06/2011 | **Ana**, bint Angelo Portelli u Nicolette Camilleri |
| 17/06/2011 | **Luke**, bin Duncan Axisa u Marietta Vella |
| 19/06/2011 | **Loukis**, bin John Louis Cassar u Sarah Casha |
| 25/06/2011 | **Christine**, bint Joseph Cutajar u Miriam Rapa |

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

| | |
|---|---|
| 07/05/2011 | **Paul Camilleri** u **Lara Montebello** |
| 04/06/2011 | **George Farrugia** u **Louisa von Brockdorff** |
| 11/06/2011 | **Raymond Grima** u **Georgette Cardona** |
| 24/06/2011 | **Joseph Sam Portelli** u **Maria Josephine Cassar** |

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

| | |
|---|---|
| 19/05/2011 | **Rita Spiteri** |
| 07/06/2011 | **Joseph Camilleri** |
| 27/06/2011 | **Francis Xavier Galea** |

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Neville Galea, Antoine Vassallo, George Francis Vella
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# Nifirħu bil-wirt tal-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II

Fl-1 ta' Mejju 2011, fi Pjazza San Pietru, quddiem il-Bażilika tal-Vatikan, il-Q.T. il-Papa Benedittu XVI mexxa r-Rit tal-Beatifikazzjoni tal-predeċessur tiegħu, il-maħbub Papa Ġwanni Pawlu II (1920-2005), biex hekk twettqet ix-xewqa ta' ħafna – Kattoliċi u m'humiex – li sa fl-aħħar jarawh mgħolli għall-ġieħ ta' l-altari u ppreżentat universalment bħala mudell ta' fidi u ta' qdusija.

Naturalment, il-parroċċa ta' San Ġorġ ma setgħetx ma tingħaqadx fil-ferħ tad-dinja Kattolika kollha għal din il-ġrajja storika. Dan mhux biss għax l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona kien preżenti flimkien ma' bosta saċerdoti oħra Għawdxin għaċ-ċerimonja sinifikattiva, li mhux b'kumbinazzjoni tħalliet għall-Ħadd tal-Ħniena Divina li l-festa tagħha kienet twaqqfet mill-beatu l-ġdid, imma wkoll minħabba iktar minn rabta waħda li tgħożż mal-figura ta' Karol Józef Wojtyła.




It-tislima ta' merħba lil Ġwanni Pawlu II, imwaħħla mal-faċċata tal-Bażilika Ġorġjana.

**Iżur Malta u Għawdex**

Iż-żjara pastorali ta' Ġwanni Pawlu II f'Malta f'Mejju 1990 xegħlet entużjażmu kbir fil-poplu tagħna, aktar u aktar għax kienet l-ewwel darba li s-Suċċessur ta' Pietru rifes fuq ix-xtut tal-gżejjer tagħna. Fost l-oħrajn hu sab ukoll il-ħin li jiġi Għawdex, fejn ġie milqugħ fis-Seminarju ta' l-Isqof, fil-Katidral ta' l-Assunta u fis-Santwarju Ta' Pinu. L-Arċipriet Mons. Salv Borg ħejja lill-parruċċani tiegħu b'kull mod li seta' għal din il-laqgħa straordinarja, u meta wasal il-jum tant mistenni tas-26 ta' Mejju, deher kartellun kbir bil-kuluri Papali ta' l-abjad u l-isfar imwaħħal bejn kampnar u ieħor tal-Bażilika Ġorġjana, bil-kelmiet fuqu: *"BASILICA S. GIORGIO SALUTA IL PAPA"*. Għalkemm il-Papa ma daħalx Pjazza San Ġorġ u ma żarx il-bażilika kif ħafna kienu xtaquh jagħmel, żgur li hu u nieżel mit-Telgħa tal-Kastell ma setax ma jinnutax din it-tislima filjali li kienet qed tagħmillu l-komunità parrokkjali Ġorġjana.

**Laqgħat mal-Papa f'Ruma**

Xahar biss wara, fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu 1990, l-Arċipriet ta' San Ġorġ Mons. Salv Borg, akkumpanjat mill-membri tal-*Chorus Urbanus*, kellu laqgħa sabiħa mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II, meta l-istess kor kien mistieden uffiċjalment ikanta fl-Awla *Paolo VI* f'kunċert waqt l-udjenza ġenerali.

F'din l-okkażjoni l-kor kien fl-aktar post qrib lejn il-Papa, tefgħa ta' ġebla bogħod minnu, u kanta l-*Pacem in Maribus* ta' Charles Camilleri, *L-Innu tal-Papa* ta' Rosanne Dimech, u *Exultate Justi in Domine* ta' Ludovico da Viadana, taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea. Waqt id-diskors li għamel bl-Ingliż, il-Papa għamel aċċenn qawwi għall-kor: *"My greetings and thanks go to* Chorus Urbanus *from Gozo in Malta; you have helped us lift our hearts and minds to God with your joyful singing"* (ara r-rapport fl-*Osservatore Romano*, 9 ta' Awwissu 1990, p. 5). Immedjatament wara, il-kor kanta l-*Innu Malti* fost iċ-ċapċip tal-pubbliku u t-tislima mill-Papa nnifsu.

Għal din l-okkażjoni attenda wkoll l-E.T. Dr Alexander Cachia Zammit, l-Ambaxxatur Malti għas-Santa Sede u benefattur tal-Bażilika Ġorġjana. Fi tmiem l-udjenza, replika tal-kwadru tal-Madonna ta' Mejju li jinsab fuq l-Altar tal-Kor tal-Bażilika ta' San Ġorġ, impittra minn Austin Camilleri, tniżżlet mill-post fejn kienet tul l-udjenza kollha u ġiet ippreżentata lill-Papa Ġwanni Pawlu II mill-president tal-*Chorus Urbanus* Carmel P. Grech. Il-Papa bierek kemm il-kwadru u kemm il-bandiera Maltija li kienet miżmuma mit-tfal tal-membri tal-kor. L-istess *Osservatore Romano* rrapporta din id-donazzjoni u qal: *"E un dono, anchesso estremamente significativo, hanno voluto portare questa mattina al Santo Padre anche i membri del* Chorus Urbanus *della Basilica di San Giorgio a Gozo (Malta). Gli hanno offerto la riproduzione, eseguita da uno di loro stessi, valente pittore, oltre che cantante, di un quadro del 700 raffigurante la Madonna con il Bambino Gesù ed il piccolo San Giovanni, una pittura alla quale essi sono particolarmente devoti"*.

Anki l-Kor *Laudate Pueri* kellu okkażjonijiet li jkanta fil-Bażilika ta' San Pietru, fost l-oħrajn f'Novembru 1988 meta ġie mistieden janima laqgħa internazzjonali ta' l-eks-allievi Salesjani, f'Awwissu 1998, u mill-ġdid fis-Sajf ta' l-2000, is-sena tal-Ġublew il-Kbir ta' l-Inkarnazzjoni, meta l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa pellegrinaġġ parrokkjali lejn il-Belt Eterna bi tweġiba tal-komunità parrokkjali Ġorġjana għax-xewqa tal-Papa li l-Kattoliċi kollha jiċċelebraw il-Ġublew b'pellegrinaġġ lejn l-imkejjen imqaddsa fejn huma midfuna l-Appostli Pietru u Pawlu. B'tifkira ta' din is-Sena Mqaddsa, kif ukoll taċ-Ċentinarju Ġorġjan ta' l-2003, f'Lulju 2004 twaqqaf bieb ġdid tal-bronż fid-daħla prinċipali tal-bażilika, li jġorr fuq nett tiegħu l-istemma pontifiċja ta' Ġwanni Pawlu II. Il-Bażilika għandha wkoll relazzjonijiet tajbin ħafna mal-Kor Pontifiċju tal-*Cappella Sistina*.

*jissokta f'paġni 12 u 13...*

# Ordinazzjoni ta' Saċerdot Ġorġjan

"Il-preżenza tiegħek fil-Knisja, tkun fejn tkun, hija garanzija li aħna ħa jkollna kollox"

L-Isqof Mons. Mario Grech lil Dun Simon M. Cachia, 29 ta' Mejju 2011

**Il-festi Ewkaristiċi tal-Kwaranturi Mqaddsa din is-sena kienu motiv ta' ferħ doppju għall-komunità parrokkjali Ġorġjana, billi nhar is-Sibt 28 ta' Mejju 2011, fil-Katidral ta' l-Assunta, il-Belt Victoria, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech ordna presbiteru lil Dun Simon Mario Cachia, mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Miegħu ġew ordnati wkoll sitt saċerdoti oħra mid-djoċesi tagħna, fosthom Dun Samuel Grech, li fl-aħħar sentejn għamel ħidma pastorali fil-parroċċa tagħna u fl-aħħar xhur għex ukoll fid-dar parrokkjali bħala djaknu.**

**Ħafna kienu l-membri tal-komunità Ġorġjana li marru jingħaqdu mas-saċerdoti l-ġodda fil-ferħ ta' l-ordinazzjoni presbiterali fil-Katidral. L-għada, il-Ħadd 29, fil-bidu tal-Pontifikal Solenni ta' tmiem il-Kwaranturi Mqaddsa fil-bażilika tagħna, li beda fil-5.00pm, l-Isqof Grech ippreżenta lil Dun Simon bħala s-saċerdot il-ġdid mill-komunità parrokkjali tagħna, waqt li indirizza lill-miġemgħa b'dan il-kliem: "Ħuti, b'ferħ kbir nixtieq nippreżentalkom saċerdot ġdid minn dil-parroċċa... Kemm hi f'waqtha illi Dun Simon jiċċelebra l-ewwel Quddiesa tiegħu f'dil-bażilika, fil-parroċċa tiegħu, propju meta qegħdin niċċelebraw il-festa ta' l-Ewkaristija". Imbagħad dar fuq Dun Simon u ssokta jgħidlu: "Għax il-preżenza tiegħek fil-Knisja, tkun fejn tkun, hija garanzija li aħna ħa jkollna kollox: ħa jkollna l-Ewkaristija. U għalhekk ilqajniek, nifirħu miegħek, u nakkumpanjawk".**

**Il-parroċċa ta' San Ġorġ ilu ma jkollha saċerdot ġdid minn Lulju 2004, u bħalissa m'għandha l-ebda seminarista jitħejja għall-formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri.**

**Lil Dun Simon u Dun Samuel nitolbu għalihom u nawgurawlhom *ad multos annos*!**

**Simon Mario Cachia** twieled il-Belt Victoria, minn Carmel C. Cachia u Jessie mwielda Xuereb, nhar is-7 ta' Novembru 1985, u ġie mgħammed ftit tal-jiem wara fi ħdan il-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ. Il-formazzjoni reliġjuża fis-snin tat-tfulija u l-adolexxenza rċeviha fi ħdan il-komunità li tgħix madwar iċ-Ċentru Pastorali *Ragħaj it-Tajjeb* f'Taċ-Ċawla, u iktar tard fil-*Museum* tas-subien tal-Belt Victoria. Ħa l-edukazzjoni akkademika tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Gvern ta' l-istess belt, fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex u fl-Iskola Post-Sekondarja *Sir Mikelanġ Refalo*. F'dan iż-żmien Simon kien attiv ħafna fi ħdan il-Kor *Laudate Pueri* kif ukoll fir-radju tal-parroċċa *Leħen il-Belt Victoria*.

F'Settembru 2003, Simon beda l-mixja tiegħu lejn is-saċerdozju fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Ir-raba' sena, imsejħa "intermedjarja", qattagħha Ruma fil-parroċċa ta' San Injazju ta' Antjokja. Matul is-seba' snin fis-seminarju, Dun Simon ħa l-formazzjoni pastorali tiegħu fil-parroċċi ta' San Ġorġ, tal-Munxar, ta' l-Għasri, taż-Żebbuġ, ta' Bormla u tax-Xagħra. F'għeluq is-seba' sena fis-Seminarju Maġġuri, ħa l-baċellerat fit-Teoloġija mill-Università *Angelicum* ta' Ruma.

Fl-20 ta' Ġunju 2010, Dun Simon irċieva l-ordni tad-djakonat minn idejn l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Minn Settembru li għadda Dun Simon qed jgħix Ruma, fejn qed ikompli l-istudji tiegħu fil-Pedagoġija għall-Iskola u Formazzjoni Professjonali fi ħdan il-Fakultà tax-Xjenzi ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università Pontifiċja Salesjana, filwaqt li qed jagħti servizz pastorali fl-istess parroċċa li laqgħetu snin qabel bħala seminarista.



Ħajr: CPM Imaging

# Messaġġ minn Dun Simon

Għeżież membri tal-komunità parrokkjali, riesqa bil-mod il-Festa ta' San Ġorġ, Patrun tagħna lkoll. Imma din is-sena, ma' din il-festa, il-Mulej ftakar fina b'mod speċjali għaliex tana saċerdot ġdid. Is-saċerdot, kif tafu, hu bniedem bħal kulħadd, imma, mingħajr ebda mertu tiegħu, jiġi magħżul minn fost il-bnedmin biex, bid-don mogħti mill-Ispirtu s-Santu nhar l-Ordinazzjoni Sagra, imexxi u jiggwida lill-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla u mal-ħwejjeġ tas-Sema. Għalhekk kull saċerdot preżenti fil-komunità parrokkjali jiġi appoġġjat, maħbub u rrispettat. Is-saċerdot qed jirrappreżenta lil Kristu nnifsu u lil Ommna l-Knisja f'kull mument ta' ħajjitna. Lilu nsibuh preżenti prattikament f'kull mument ta' ħajjitna, mit-twelid sal-mewt. Insibuh jitlob għalina u għall-għeżież mejtin tagħna, jaħfrilna f'isem Kristu, jgħallimna f'isem il-Knisja, iwissina bil-Vanġelu, iħobbna, fuq kollox jagħtina lil Kristu fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku.

Itolbu għas-saċerdot, ħobbuh, għenuh, u meta forsi jiżbalja - għax hu bniedem bħall-oħrajn - għadruh u itolbu iktar għalih minflok ma tiġġudikawh. Ftakru li kull saċerdot hu barka u teżor għall-parroċċa tagħna.

Min-naħa tiegħi, jien inwiegħed it-talb tiegħi għalikom ilkoll. Kull saċerdot hu fid-dmir li jitlob għall-komunità li jkun qed imexxi. Grazzi ta' l-appoġġ li dejjem urejtuni fil-mixja lejn is-saċerdozju, tat-tbissima u tal-kuraġġ meta kien hemm bżonn, u fuq kollox tat-talb tagħkom għalija. Il-Mulej magħkom u San Ġorġ iħarsukom.

**Samuel Grech** twieled fit-3 ta' Ottubru 1985, minn George Grech u Antonia mwielda Schembri. Hu ġie mgħammed xahar wara fil-knisja parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Loreto, f' raħal twelidu, Għajnsielem. Mill-1991 sa l-1996 hu rċieva l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja *Anton Cassar* ta' Għajnsielem, u wara dik sekondarja fil-Liċew *Ninu Cremona* tal-Belt Victoria. Minħabba fil-mewt bikrija ta' missieru u ommu, kif ukoll ta' oħtu ikbar minnu, Samuel u ħutu ġew imrobbija bi mħabba kbira minn zithom Ġiġa, l-ewwel il-Fontana u mbagħad ir-Rabat fejn għadu joqgħod sal-lum. Konsegwentement Samuel għal bosta snin kien jiffrekwenta regolarment il-parroċċa ta' San Ġorġ.

Samuel kompla bl-istudji tiegħu fl-Iskola Post-Sekondarja *Sir Mikelanġ Refalo*, u fl-istess żmien impenja ruħu bis-serjetà fi ħdan is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, il-*Museum*, fejn għallem fl-oqsma ta' Għajnsielem u r-Rabat, u wasal biex laħaq ukoll soċju. Fl-2004 daħal fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex fejn beda l-kors ta' formazzjoni li wasslu għall-ordinazzjoni presbiterali. Is-sena intermedjarja tiegħu fl-2007 għamilha fil-parroċċa ta' San Stanislaw Kostka f'Bay City, Michigan, l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Hu għamel ukoll esperjenzi pastorali f'Għajnsielem stess, l-Għasri, iż-Żebbuġ, u l-Għarb.

F'Ottubru 2009, Samuel ġie assenjat għal sentejn ta' esperjenza pastorali fil-parroċċa ta' San Ġorġ, waqt li kompla bl-istudji tiegħu fis-Seminarju Maġġuri. Hawn hu involva ruħu b'diversi ħidmiet, fosthom il-Grupp tal-Vokazzjonijiet, il-laqgħat tal-koppji għarajjes, u anki t-tqarbin lill-morda bħala akkoltu, kif ukoll fir-radju *Leħen il-Belt Victoria*. F'Ġunju 2010, Dun Samuel ġie ordnat djaknu, u minn Frar ta' wara hu beda joqgħod fid-dar parrokkjali ta' San Ġorġ kull ġimgħa mill-Ħamis sal-Ħadd, bħala parti mill-programm pastorali tiegħu fil-formazzjoni lejn is-saċerdozju. Bħala djaknu hu ħa sehem b'mod iżjed dirett fil-ħajja liturġika tal-parroċċa, speċjalment permezz tal-predikazzjoni.



Wara l-ordinazzjoni, issa Dun Samuel sa jmur ikompli bl-istudji u l-esperjenza pastorali tiegħu fl-Italja.

# Anniversarji Presbiterali fil-parroċċa tagħna

**Nawguraw lil tliet saċerdoti mill-parroċċa tagħna li din is-sena qed jiċċelebraw il-Ġublew Presbiterali tagħhom. Hi okkażjoni sabiħa biex irroddu ħajr lil Alla li għaniena bil-preżenza ta' dawn il-ministri ta' Alla, kif din is-sena qed iberikna wkoll b'saċerdot ġdid fil-persuna ta' Dun Simon Mario Cachia, waqt li nimpenjaw ruħna biex nitolbu għal iktar vokazzjonijiet mill-parroċċa tagħna.**

## Mons. Carmelo Scicluna – Ġublew tad-Djamanti



Carmelo Scicluna twieled fit-23 ta' Novembru 1927, fil-Belt Victoria, minn Salvu u Ġużeppa mwielda Grech, u ġie mgħammed *ad conditionem* dak in-nhar stess minn idejn l-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, bl-ismijiet ta' Carmelo, Anton, Giovanni u Ġorġ. Fi tfulitu studja fil-Liċew u mbagħad fis-Seminarju ta' Għawdex. Fl-1940 hu beda jattendi regolarment fl-ewwel Qasam tal-*Museum* maskili li nfetaħ f'beltna, u fl-1946 ġie inkorporat soċju tal-*Museum* ma' l-ewwel grupp ta' soċji Għawdxin.

Wara dan hu daħal fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex fejn beda l-istudji tiegħu għas-saċerdozju. F'Settembru 1950 ħa s-suddjakonat fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, waqt li fit-23 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena rċieva l-ordinazzjoni djakonali minn idejn l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace fil-kappella tas-Seminarju ta' l-Isqof. Hu ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Mejju 1951, minn idejn l-Isqof Pace, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, flimkien ma' erba' ordinandi oħra, fosthom Dun Ġużepp Borg Bugeja mill-istess parroċċa tagħna. Dun Karm iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fit-3 ta' Ġunju 1951. Kien għamillu l-priedka ta' l-okkażjoni l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai.

Dritt wara l-ordinazzjoni tiegħu, Dun Karm għamel ħidma ta' prefett u surmast fis-Seminarju ta' l-Isqof bejn l-1951 u l-1952. Imbagħad ħalla Malta biex kompla bl-istudji superjuri tiegħu f'Ruma, fejn bejn l-1952 u l-1956 hu kiseb dottorat fit-Teoloġija Dommatika u baċellerat fid-Dritt Kanoniku mill-Università Pontifiċja Gregorjana, u studja wkoll fl-Iskola Vatikana tal-Bibljotekonomija mnejn kiseb diplomi fl-Arkivistika u fil-Bibljotekonomija. Dun Karm kien wieħed mill-ftit saċerdoti ta' dak iż-żmien li laħqu gradi akkademiċi hekk għolja barra mid-djoċesi tagħna.

Lura Għawdex, Dun Karm ta bosta servizzi pastorali. Hu kien direttur spiritwali fl-iskejjel tal-Gvern bejn l-1957 u l-1985; għalliem tat-Teoloġija Axxetika fis-Seminarju Maġġuri bejn l-1968 u l-1976; membru tal-Kummissjoni Kateketika Djoċesana bejn l-1969 u l-1976; membru tal-Ġunta Djoċesana bejn l-1962 u l-1969; kif ukoll assistent direttur djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla mill-1959, u direttur djoċesan tagħha mill-1975 u l-1994. Imma forsi l-aktar ħidma dedikata li Dun Karm kien u għadu jwettaq fi ħdan il-Knisja hi bħala konfessur regolari f'diversi postijiet, fost l-oħrajn fil-Bażilika ta' San Ġorġ fejn puntwalment u b'assidwità eżemplari hu jamministra s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni mill-konfessjonarju tiegħu. Bejn l-1957 u l-1973 hu kien konfessur regolari fis-Seminarju Maġġuri, waqt li mill-1961 sa l-1967 hu serva bħala konfessur fid-djar tas-sorijiet Karmelitani fir-Rabat u f'Ta' Kerċem, kif ukoll fid-djar tas-sorijiet Salesjani fir-Rabat u fl-Għasri.

Dun Karm sa minn kmieni żamm relazzjoni sabiħa ħafna mal-kongregazzjoni tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, magħrufa fostna bħala "Ta' l-Istilla", li għandhom il-*casa madre* tagħhom fi Triq Palma, ftit passi 'l bogħod mid-dar tal-familja tiegħu. Bejn l-1967 u l-1982 hu kien direttur spiritwali tas-Sodalità *Figlie di Maria* li kellhom dawn is-sorijiet, waqt li mill-1970 sal-lum għadu konfessur tagħhom; ilu wkoll sa mill-1974 kappillan tagħhom.

Dun Karm okkupa wkoll karigi importanti fi ħdan il-Kapitlu Ġorġjan sa mit-twaqqif tiegħu fl-1976. Fil-25 ta' Frar 1976 il-Papa Pawlu VI ħatru Kappillan tal-Qdusija Tiegħu, u f'Lulju ta' wara sar l-ewwel Primiċerju – il-ħames l-ogħla dinjità – fil-Kapitlu Urban. Imbagħad fil-11 ta' Lulju 2001, xi sena wara l-mewt ta' Mons. Carmelo Sacco, hu ġie promoss għad-dinjità ta' Kantur, li żamm sa Lulju 2009 meta, wara l-mewt ta' Mons. Anton Grech Vella, hu ngħata d-dinjità ta' Teżorier li għadu jħaddan sal-lum.

Mons. Scicluna hu wieħed mill-aktar benefatturi għeżież tal-Bażilika Ġorġjana, u ħafna opri sbieħ li hi mogħnija bihom saru bil-ġenerożità tiegħu, spiss espressa fis-skiet u l-prudenza li jikkaratterizzaw lil dan is-saċerdot Ġorġjan eżemplari. Fost dawn l-opri hemm it-tabernaklu tal-fidda li għandna fil-Kappella tas-Sagrament, inawgurat fl-2007. Nirringrazzjaw lil Alla għad-don li bih żejjen lill-parroċċa tagħna fil-persuna ta' Mons. Carmelo Scicluna, speċjalment bl-eżempju sieket tiegħu.

## Mons. Emanuel Curmi – Ġublew tad-Deheb



Manwel Curmi twieled fit-Triq ta' l-Għajn fl-1937. Huwa studja fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù u kien ordnat saċerdot fit-18 ta' Marzu 1961 flimkien ma' sebgħa oħra. Fil-familja tiegħu kellu ħuh ieħor qassis: Mons. Tumas Curmi. L-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu ċċelebraha fil-parroċċa tiegħu tal-Qalb ta' Ġesù, fil-Fontana.

Għalkemm oriġinarjament minn dan ir-raħal ċkejken li jmiss mar-Rabat, Dun Mawel dejjem qeda l-ministeru pastorali tiegħu mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Fil-fatt l-ewwel għaxar snin tiegħu għaddiehom bħala viċi-parroku tar-Rabat, ma' djul l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai, li fdalu bosta responsabbiltajiet pastorali. F'dan iż-żmien ħadem fost iż-żgħażagħ bħala *chaplain* tas-sezzjoni tar-Rabat taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, u wara, bejn l-1972 u l-1981, kien direttur ta' l-Oratorju *Don Bosco* fejn għadu mfakkar għall-ħidma kbira tiegħu u liema post kompla jiffrekwenta b'ħidma kbira fost it-tfal u ż-żgħażagħ. Għal seba' snin, Mons. Curmi serva ta' direttur spiritwali tal-fabbriki f'Għawdex, waqt li għadu sal-lum kappillan tal-Korp tal-Pulizija f'Għawdex. Hu jagħti wkoll servizz ta' *supply priest* f'parroċċi fl-Awstralja, l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Ingilterra, b'ħidma kbira fost l-emigranti. Fuq bażi regolari, Dun Manwel iżur ukoll il-morda u l-anzjani fl-isptarijiet u d-djar tagħhom imxerrdin mar-Rabat.

Lil Dun Manwel naturalment nassoċjawh l-iżjed mal-qasam tas-servizzi soċjali u ta' djakonija mqassma mill-Knisja f'Għawdex. Hu ddedika kważi ħajtu kollha fil-qadi tal-foqra. Mhux biss għal tletin sena sħaħ serva bħala direttur djoċesan tal-*Caritas* djoċesana ta' Għawdex, fejn kien responsabbli għad-djar kollha tal-Knisja fi gżiritna u fetaħ Dar *Ġużeppa Debono* fl-1985, imma kien hu li fl-1972 beda l-ewwel ħidma ta' għajnuna fi gżiritna fost il-persuni b'diżabbiltà u l-familjari tagħhom, sakemm wasal biex waqqaf l-Għaqda Persuni b'Diżabbiltà Għawdxin. Kien ukoll f'dan iż-żmien li beda jħajjar voluntiera oħra biex kull nhar ta' Ħadd joħorġu lill-persuni b'diżabbiltà, biex hekk introduċa kunċett ta' inklużjoni fis-soċjetà tagħna li ma kienx jeżisti qabel. F'dan il-qasam Dun Manwel tabilħaqq jista' jissejjaħ pjunier! Sa fl-aħħar fl-1997 wasal biex waqqaf il-Fondazzjoni *Arka*, u fl-2000 wettaq il-ħolma tiegħu li l-Knisja f'Għawdex ikollha residenza u *respite centre* għall-persuni b'diżabbiltà, meta ġiet inawgurata *Dar l-Arka* f'Għajnsielem, b'bosta faċilitajiet li għadhom jiġu aġġornati sal-lum.

B'rikonixximent għall-ħidma soċjali kbira tiegħu, fl-1998 Dun Manwel ingħata l-Premju *Mons. Azzopardi*, u mbagħad fit-13 ta' Diċembru 1999 ġie mxierek f'*Ġieħ ir-Repubblika* mill-President ta' Malta l-Prof. Guido de Marco, waqt li f'Lulju 2004, fuq inizjattiva ta' l-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi, il-Papa Ġwanni Pawlu II ħatru wkoll monsinjur.

Lil Dun Manwel narawh assidwu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ta' 12.00pm kważi kuljum fil-bażilika tagħna, kif ukoll fis-servizz tal-Qrar. Nirringrazzjaw lil Alla ta' dan id-don kbir li ta lill-Knisja lokali.

## Dun Joseph Mercieca – Ġublew tal-Fidda



Joseph Mercieca twieled fil-21 ta' Novembru 1961, il-Belt Victoria, u rċieva l-ewwel sagramenti fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Wara li temm l-istudji tiegħu fil-Liċew, daħal ma' l-Ordni tal-Franġiskani Minuri Konventwali. Fl-1985 huwa rċieva d-djakonat mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, u fit-3 ta' Mejju 1986 ġie ordnat presbiteru djoċesan mill-istess isqof fil-Katidral ta' Għawdex.

Wara ftit xhur jgħin fil-parroċċa ta' San Ġorġ, Dun Joseph telaq lejn il-Kanada fejn hemmhekk għal tliet snin sħaħ wettaq il-missjoni ta' kappillan militari mal-Forzi Armati Kanadiżi. Fl-1990, imbagħad, mar Ruma jissokta l-istudji tiegħu fil-Mużika Sagra u

l-Filosofija. Fil-Belt Eterna dam seba' snin jistudja fil-Kulleġġ tat-Trinitari, filwaqt li kien iservi bħala viċi-parroku u *maestro di cappella* fil-Bażilika ta' San Krisogonu. Kien f'dan iż-żmien ukoll li kien korista fil-*Cappella Julia* tal-Vatikan.

Lura minn Ruma, Dun Joseph għallem il-Filosofija fil-Kulleġġ ta' *De La Salle* f'Malta, u wara sena l-Isqof Cauchi ħatru direttur ta' l-Oratorju *Don Bosco* fil-Belt Victoria, fejn dam madwar tliet snin. Wara din l-esperjenza huwa kompla bix-xogħol tat-tagħlim fl-Iskola Post-Sekondarja *Sir Mikelanġ Refalo* fil-Belt Victoria, fejn għadu jgħallem sal-lum.

Fl-2008 l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech ħatar lil Dun Joseph lekċerer tal-Mużika Sagra fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex u membru tal-Kummissjoni Djoċesana tal-Liturġija. Barra li jagħti servizz pastorali fil-Bażilika ta' San Ġorġ u fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali f'beltna, li magħhom għadu jżomm relazzjoni sabiħa ħafna, lil Dun Joseph narawh jagħti servizz mitqlu deheb fil-liturġija solenni li tiġi ċċelebrata fil-bażilika, speċjalment bil-vuċi tenorili sabiħa tiegħu, bħala membru kemm tal-Kor *Laudate Pueri* u kemm ta' l-i*Schola Cantorum Gregoriana*, kif ukoll bħala l-kantur uffiċjali tal-bażilika fil-liturġiji ewlenin tagħha. Barra minn hekk, hu jlaqqa' ta' kull Ġimgħa l-Grupp tal-Bibbja, billi s-suġġett ta' l-istudju ta' l-Iskrittura u l-eseġesi huma tassew għal qalbu, kif jidher mill-omeliji qosra imma mimlijin għerf tiegħu.

## *Nifirħu lil...*

- Mons. Emanuel Curmi, saċerdot tal-parroċċa tagħna u fundatur ta' *Dar Arka*, li fit-18 ta' Marzu 2011 għalaq ħamsin sena saċerdot.
- Dun Joseph Mercieca, saċerdot tal-parroċċa tagħna u kantur tagħha, li fit-3 ta' Mejju 2011 għalaq ħamsa u għoxrin saċerdot.
- Mons. Carmelo Scicluna, Teżorier tal-Kapitlu Ġorġjan, li fid-19 ta' Mejju 2011 għalaq sittin sena saċerdot.
- Dun Simon Mario Cachia, mill-parroċċa tagħna, u Dun Samuel Grech, minn Għajnsielem, li fl-aħħar sentejn għamel ħidma pastorali fil-komunità tagħna, li fit-28 ta' Mejju 2011 ġew ordnati presbiteri mill-Isqof Mons. Mario Grech, fil-Katidral ta' Għawdex.
- Daniel Grech, minn Ta' Kerċem, li bejn l-2007 u l-2008 għamel ħidma pastorali fil-parroċċa tagħna, li fit-23 ta' Ġunju 2011 ġie ordnat djaknu mill-Isqof Mons. Mario Grech, fil-Katidral ta' Għawdex.

# IKTAR MINN €127,000 F'FONDI

### Gawdew minn din l-iskema l-Kumitat Storiku-Kulturali, il-Victoria International Arts Festival Foundation u l-Fondazzjoni Belt Victoria

eko għawdex
għawdex aħjar

Tliet entitajiet differenti li għandhom rabta mal-Bażilika ta' San Ġorġ kienu fost tmienja u tletin organizzazzjoni non-governattiva f'Għawdex li bbenefikaw minn fondi allokati mill-Ministeru għal Għawdex bħala parti mill-miżuri meħuda fit-twettiq tal-viżjoni *Eko-Għawdex*. Kull organizzazzjoni, wara li ġiet magħżula minn bord apposta, qed tingħata għajnuna finanzjarja li tkopri 95% ta' l-ispiża tal-proġett rispettiv tagħha. *Eko-Għawdex* hu proġett interessanti immirat lejn viżjoni ta' "gżira ekoloġika" bħala parti mill-programm tal-Gvern għal Għawdex tul din il-leġislatura.

L-iffirmar tal-kuntratti sar nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju, fis-2.15pm, fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex, fi Pjazza San Franġisk. Fil-każ tal-parroċċa tagħna, gawdew minn din l-iskema l-**Kumitat Storiku-Kulturali**, li akkwista €29,895 għad-diġitizzazzjoni u r-restawr ta' xi reġistri parrokkjali qodma kif ukoll biex iwaqqaf *information point* interattiva fuq il-bażilika għat-turisti fi Pjazza San Ġorġ; il-**Victoria International Arts Festival Foundation**, li kisbet €47,025 biex tirrestawra ż-żewġ orgnijiet qodma prestiġjużi li jinsabu fil-kumpless tal-bażilika, toħloq websajt ġdida u moderna, u tixtri *harpsichord* tas-seklu tmintax; u l-**Fondazzjoni Belt Victoria**, li akkwistat €50,000 b'riżq ir-restawr ta' l-altar il-maġġur l-antik tas-seklu tmintax kif ukoll ta' xogħlijiet oħra artistiċi ppreservati fis-swali ta' mal-bażilika, biex imbagħad jiġu esebiti fil-mużew storiku u ċentru kulturali li bħalissa qed tibni grazzi għal fondi oħra Ewropej. Sadanittant, anki s-Soċjetà Filarmonika *La Stella* applikat u kisbet fondi simili.

Rappreżentanti ta' dawn l-entitajiet tagħna nhar it-Tlieta attendew għall-iffirmar tal-kuntratti, fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, tas-Segretarju Permanenti s-Sur Joe Scerri, u tad-Direttur ta' *Eko-Għawdex* is-Sur Tony Zammit. Bħalissa għaddejja l-fażi ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti, li mistennija titlesta sa Novembru li ġej.

# KONFIRMAZZJONI U PREĊETT 2011









## Il-Griżma ta' l-Isqof
**Il-Ħadd 15 ta' Mejju 2011**

Aquilina Samuel, Attard Terence, Attard Giorgia, Borg Francelle, Buttigieg Nicole, Camilleri John, Camilleri Nathan, Caruana Andrew Alexander, Casarini Francesco, Casha Amy, Cassar Giannella, Cauchi Justin, Curmi Stephanie, Debrincat Miriana, Farrugia Yanica, Gauci Elena Marie, Grech Elaine, Grech Nicole, Grech Benjamin, Grech Paul, George Michael Grima, Mercieca David, Mizzi Marie Georgette, Pisani Ġorġ, Said Claivion Mario, Schembri Justin, Scicluna Jake, Spiteri Janica, Sultana Christiana, Thorton Paula, Vella Zach, Xuereb Ruth.

## L-Ewwel Tqarbina
**Il-Ħadd 22 ta' Mejju 2011**

Axiaq Martina, Azzopardi Rebekah, Borg Sophia Ann, Camilleri Monique, Cassar Robyn, Cini Andrè, Cremona Anton, Debrincat Joanna, Dimech Nina, Farrugia Duncan, Farrugia Giada, Fenech Owen, Formosa Sagona Averyl, Galea Luc, Galea Sarah, Haber Maria Josefa, Hadhri Yussri, Mizzi Marie Georgette, Muscat Nicole, Refalo Andrè, Sacco Victoria Marie, Scerri Kristina Marie, Schembri Tiffany, Spiteri Jasmine, Tabone Rose Marie, Vella Nicolai, Zammit Christine, Zammit Elena;
*mhux fir-ritratt:* Galea Ġorġ (10 ta' Lulju 2011).

**Ritratti:** Mario Saliba, George Scerri.

# Mitt sena ilu... fl-1911
## Indirizz tal-kleru ta' San Ġorġ lill-Arċisqof Mons. Pietru Pace
Winston L. Zammit

120

IL CLERO DI S. GIORGIO

A SUA ECCELLENZA REVERENDISSIMA

PIETRO PACE D.D., K.C.V.O., G.C.O.G.

ARCIVESCOVO VESCOVO DI MALTA

Eccellenza Rev.ma,

I molteplici titoli di riconoscenza e gratitudine, che legano il Clero di San Giorgio M. alla venerazione ed all' amore verso Vostra Eccellenza Rev.ma, ci rendono assai grata ogni occasione, che ci si presenta per poterVi manifestare i sensi legittimi e sinceri del nostro attaccamento verso la Vostra Venerabile ed amata Persona. Ben quindi ci gode l' animo il trovarci in questo fausto avvenimento del Vostro ottantesimo compleanno prostrati al Vostro Trono, dove Vi ammiriamo fregiato di nuovi onori, redimito dalla veneranda aureola di una lunga longevitá, benedetta da Dio, feconda di meriti, prospera di lucidezza di mente, vigorosa di cuore, forte di vita. Sì, siamo ben lieti di vederVi, reduce tra di noi, fatto segno all' amore, alla riconoscenza, alla meraviglia ed alle feste, piene di gioja sincera dei Gozitani, Vostri figli spirituali un tempo in Gesú Cristo. Siam lieti sì, e fortemente e sinceramente di poterVi esprimere gli auguri per una longevità assai ancor più lunga, sempre più benedetta da Dio, sempre più prospera e lieta sí per la pace del cuore, come ancora per la feconditá delle opere, per l' amore dei Vostri figli, per l'ammirazione di queste due Isole benedette.

Possa Iddio per il bene della Sua Chiesa, accogliere i nostri voti, e ne saremo grandemente contenti. Benedite, Eccellenza Rev.ma, i nostri voti, accettate i nostri auguri, ed i nostri voti saranno accetti dal ciel, ed esauditi i nostri auguri.

(*Seguono le firme*)

F'April ta' l-1911, f'Malta saru festi b'tifkira tat-tmenin anniversarju tat-twelid ta' l-Arċisqof Pietru Pace (1831-1911). Wild il-gżira Għawdxija, Mons. Pietru Pace kien ħabrek għat-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex. Kien l-ewwel Vigarju Ġenerali tad-djoċesi ġdida ta' Għawdex (1864), Isqof ta' Għawdex (1877-1889), u wara Arċisqof ta' Malta (1889-1914).

Fl-okkażjoni ta' għeluq it-tmenin sena tiegħu, Mons. Pace ġie Għawdex nhar l-Erbgħa 24 ta' Mejju 1911. L-għada, il-Ħamis 25 ta' Mejju, festa tat-Tlugħ is-Sema tal-Mulej, Mons. Pace għamel Pontifikal fil-Katidral ta' Għawdex.

F'din l-okkażjoni l-kleru tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ bagħatlu l-indirizz li qegħdin inġibu hawn taħt, li ġie ffirmat minnhom.



Ħajr lill-Arkivju tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex u lill-Arkivju tal-Franġiskani Kapuċċini fil-Furjana għar-ritratt u l-indirizz rispettivament.

Tinsiex tagħti d-donazzjoni tiegħek għar-rivista **Il-Belt Victoria**.

*Kull għajnuna tgħodd!*



...jaqbad minn paġna 3

# Ġwanni Pawlu II issa beatu...

**Prelat fis-Segreterija ta' l-Istat**

Naturalment, ir-rabta qawwija tal-Bażilika ta' San Ġorġ mal-Vigarju ta' Kristu hi evidenti fl-aggregazzjoni li sa mill-1968 teżisti bejnha u bejn il-Katidral tal-Papa f'Ruma, l-Arċibażilika tal-Lateran. Din kompliet tissaħħaħ meta fl-1991, wieħed mis-saċerdoti tal-parroċċa tagħna, Dun Alfred Xuereb, ġie assenjat il-kariga ta' segretarju personali tar-Rettur ta' l-Università Pontifiċja Lateranensi. Fl-1995, imbagħad, Dun Alfred ġie msejjaħ għal pożizzjoni eqreb lejn il-Papa, din id-darba fis-Segretarjat ta' l-Istat tal-Vatikan. Wara li fis-sena 2000 beda jaħdem fil-Prefettura tal-*Casa Pontifica*, fl-2003 hu ġie wkoll mogħti r-rwol ta' *Prelato di Anticamera Pontificia* u magħmul prelat *ad honorem* tal-Qdusija Tiegħu bit-titlu ta' monsinjur. Dan qarrbu wisq iktar lejn il-Papa Ġwanni Pawlu II, għax kien hu li jilqa' lill-mistednin diplomatiċi u dinjitajiet oħra fiż-żjajjar statali jew privati lill-Qdusija Tiegħu.


Il-wasla ta' Ġwanni Pawlu II fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, f'Mejju 1990.

F'intervista li l-ġurnalista Għawdxija Marion Zammit għamlet għal *NET TV* ma' Mons. Alfred Xuereb, il-lum it-tieni segretarju tal-Papa Benedittu XVI, fl-okkażjoni tal-jum tal-beatifikazzjoni ta' Ġwanni Pawlu II, hu wieġeb hekk għall-mistoqsija fuq x'esperjenza ħa matul iż-żmien kollu li għadda fil-qrib tiegħu:

"Ħadt ħafna, iżda biex niġbor fi ftit kliem dak li ħadt, ngħid: ix-xhieda kbira li tani dan il-bniedem kienet li, minkejja li kien saqajh fl-art, ħajtu diġà kienet il-Ġenna. Hekk nimmaġinah, anki minn dak li sirt naf dan l-aħħar: kemm kien jitlob, kemm kien jagħmel penitenza. Xi ħadd qalli li kultant kienu jsibuh fil-għodu kmieni – min jaf kemm kien ikun ilu hemm! – mitfugħ sidru ma' l-art jitlob, speċjalment qabel xi vjaġġ, xi udjenza jew xi deċiżjoni importanti.

Kien bniedem mimli b'Alla. Ta' min jinnota li Ġwanni Pawlu II ma kienx joqgħod jagħti kas ta' x'jistgħu jgħidu n-nies dwaru waqt l-udjenza. Xi drabi minħabba l-mard kien ikollu jimsaħ sikwit ħalqu bil-maktur, ħafna drabi kien jaqta' n-nifs, u kultant iqiegħed lill-udjenza f'diffikultà. Imma hu ma kienx joqgħod jgħid: 'X'ser jaħsbu, kif se jiġġudikawni, x'figura qed naqta'!'. Hu kien irid biss li jaqdi l-missjoni li Alla kien sejjaħlu għaliha. Din kienet laqtitni ħafna: għax li ma jimpurtakx minnek innifsek u mit-tbatijiet li tħoss biex tibqa' taqdi l-missjoni tiegħek sa l-aħħar, trid tkun qaddis. Trid tkun bniedem magħqud intimament ma' Alla biex tasal sa dak il-punt.


Ġwanni Pawlu II ma' l-Arċipriet Mons. Salv Borg u l-*Chorus Urbanus* fl-Awla *Paolo VI* fil-Vatikan.

Kien bniedem li donnu l-ħin kollu kellu ispirazzjonijiet, il-ħin kollu jiġuħ ideat li qisu semagħhom fil-qalb tiegħu minn Alla nnifsu; kien bniedem li seraq il-qlub, u seraq il-qlub mhux għax kien xi attur jew għax kellu l-kelma jew ġesti speċjali – dawn ukoll jgħinu, għaliex it-talenti li jagħtina Alla għalhekk iservu, biex naqdu aħjar il-missjoni tagħna – imma Ġwanni Pawlu II baqa' fil-qlub tan-nies, li għadhom daqshekk warajh, għaliex dewwaqhom il-Ġenna, ħalla *'tocco soprannaturale'* ġol-qalb ta' ħafna. Hija ħaġa ta' l-għaġeb li fil-funeral tiegħu rajna nies li biex isellimlu għall-aħħar darba, u dan kien ifisser li jarawh għal ftit sekondi biss, għamlet erbatax jew ħmistax-il siegħa tistenna bil-wieqfa, kull tant u tant timxi żewġ passi lejn fejn kien imqiegħed għall-qima fit-tebut.

Imma n-nies kienet qisha ggalvanizzata, kellha qisha qawwa speċjali minn Alla biex tissaporti dik it-tbatija. In-nies ħasset li kellha dejn ma' dan il-bniedem li ttrasmettielha r-rieda ta' Alla, u riedet issib mezz kif tirringrazzjah".

**Saċerdoti fid-djoċesi ta' Ruma**

Il-parroċċa tagħna wkoll kellha numru ta' saċerdoti wliedha li, wara l-ordinazzjoni tagħhom, għażlu li jissoktaw bil-ministeru pastorali tagħhom f'Ruma, li hija d-djoċesi li l-Papa hu isqof tagħha. Dan ukoll kompla jorbot il-komunità parrokkjali tagħna mal-Papa Ġwanni Pawlu II, bl-aħħar saċerdot li mar jaħdem f'parroċċa Rumana tul il-pontifikat tiegħu jkun Dun Tonio Galea. Saċerdot ieħor tagħna, Dun Joe Zammit, ġie wkoll ordnat presbiteru minn idejh fl-1984. L-arċipriet attwali, Mons. Pawlu Cardona, ukoll kellu esperjenza diretta tal-Papa, billi kien hu li ddedikalu l-knisja l-ġdida ta' San Liborju li tagħha kien kappillan sa l-2007.

**Abbatini fil-Vatikan**

Bi tradizzjoni antika, kull sena grupp ta' abbatini minn Malta u Għawdex jitilgħu jagħmlu servizz fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, fil-jiem sħan tas-Sajf, minflok l-abbatini residenti. Mhux wieħed u tnejn kienu l-abbatini tal-Bażilika ta' San Ġorġ li ntgħażlu għal dan is-servizz,



Iż-żjara ta' korteżija tal-President ta' Malta l-Prof. Guido de Marco lil Ġwanni Pawlu II fil-Vatikan.

fejn fost l-oħrajn bosta minnhom kellhom ix-xorti sabiħa li jiltaqgħu personalment mal-Papa Ġwanni Pawlu II u jwasslulu t-tislijiet tal-komunità tagħna. L-aħħar wieħed minn dawn, fi żmien il-pontifikat tal-Papa Pollakk, kien Francesco Pio Attard fl-1998.

**Relikwa għażiża**

Waħda mir-relikwi għeżież li hi miżmuma b'qima fil-kollezzjoni tal-bażilika tagħna hi karlotta bajda ta' Ġwanni Pawlu II, iffirmata personalment minnu, li l-parroċċa tagħna rnexxielha takkwista sena qabel mewtu. Għal xi żmien wara, minħabba d-devozzjoni popolari qawwija lejh li ħakmet lill-fidili, din kienet tħalliet għall-qima fuq il-presbiterju tal-bażilika kif ukoll fil-Kappella Neo-Biżantina l-ġdida, iddedikata lis-Santissmu Kurċifiss, is-Santissmu Sagrament u l-Ħniena Divina. Ħafna devoti li jżuru l-bażilika spiss jitolbu li jaraw din il-karlotta u jemmnu fil-qawwa mirakuluża tagħha. Il-qanpiena l-kbira ta' San Ġorġ kienet l-ewwel waħda fid-djoċesi li ħabbret il-mewt ta' dan il-Papa kbir, nhar it-2 ta' April 2005, u fil-bażilika ġiet iċċelebrata konċelebrazzjoni solenni *de requie* għal ruħu fis-17 ta' April.



Il-karlotta u l-kwadru ta' Ġwanni Pawlu II esposti għad-devozzjoni tal-fidili fil-bażilika.

# Żewġ kotba ġodda fuq Ġwanni Pawlu II




*Ġwanni Pawlu II: Il-Bijografija* huwa l-isem uffiċjali ta' bijografija ġdida fl-ilsien Malti li tirrakkonta l-ħajja tal-Papa Pollakk. Nhar l-1 ta' Mejju, il-Papa Benedittu XVI ibbeatifika lill-predeċessur tiegħu Ġwanni Pawlu II li mexxa l-Knisja Kattolika minn Ottubru 1978 sal-mewt tiegħu nhar it-2 ta' April 2005. Dan kien it-tieni l-itwal pontifikat fl-istorja, wara dak tal-Beatu Papa Piju IX.

*Ġwanni Pawlu II: Il-Bijografija* hija fil-fatt l-ewwel bijografija bil-Malti tal-Papa Ġwanni Pawlu II, magħruf ukoll bħala Ġwanni Pawlu l-Kbir. Dan il-ktieb huwa traduzzjoni għall-Malti mit-Taljan ta' Dr Andrea Riccardi, fundatur tal-*Comunità di San Egidio*. Ix-xogħol tat-traduzzjoni għall-Malti sar minn Dun Geoffrey George Attard, saċerdot mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Attard, li ttraduċa diversi kotba oħra u mijiet ta' artikli mit-Taljan u mill-Ingliż li dehru fuq diversi rivisti u ġurnali Maltin, kien ikkummissjonat f'Jannar 2011 miċ-*Ċentru Animazzjoni Kristjana* tal-Provinċja tal-Franġiskani Konventwali ta' Malta biex jittraduċi dan il-ktieb wara li nġiebu l-permessi meħtieġa mid-Dar Pubblikatriċi *San Paolo* ta' l-Italja. Riccardi kien ħabib personali tal-Papa Ġwanni Pawlu II u għalhekk jikteb mill-esperjenza personali tiegħu. Il-ktieb, li fih tlettax-il kapitlu, jittratta temi ferm importanti fil-ħajja tal-Papa Pollakk; fost l-oħrajn huwa jikteb fuq il-kontibut siewi li l-Papa ta għall-waqgħa tal-Komuniżmu fl-Ewropa tal-Lvant. Interessanti ferm il-kapitlu fuq l-attentat fuq ħajtu kif ukoll il-ħidma b'riżq l-ekumeniżmu li tant kien għal qalb Ġwanni Pawlu II li kien iħobb jikkwota lill-magħruf kittieb Russu Soloviev li tkellem mill-"Knisja taż-żewġ pulmuni".

*Ġwanni Pawlu II: Il-Bijografija* huwa ktieb li għandu jsib ruħu fuq l-ixkaffa ta' kull Kattoliku f'pajjiżna; ma ninsewx li Ġwanni Pawlu II kien l-uniku Papa fl-istorja li żar lil Malta għal darba darbtejn. Hu kien ġie Għawdex u żar is-Santwarju ta' Pinu f'Mejju 1990.

*Memorja u Identità* huwa l-isem ta' pubblikazzjoni oħra maħruġa wkoll mid-Dar Pubblikatriċi *Reliġjon u Ħajja* tal-Franġiskani Konventwali Maltin. Din id-dar pubblikatriċi, li tinsab taħt it-tmexxija ta' l-għaqli Patri Paul Darmanin OFMCONV, qed tħejji ruħha biex toħroġ matul il-ġimgħat li ġejjin il-ktieb bl-isem *Memorja u Identità*. Din hija traduzzjoni tal-ktieb bit-Taljan bl-istess isem maħruġ mid-Dar Editriċi tal-Vatikan. Dan il-ktieb miktub minn Ġwanni Pawlu II innifsu huwa ktieb awtobijografiku għaliex fih il-Papa jikteb fuq l-esperjenzi tiegħu tal-Polonja li fiha twieled u trabba u li baqa' jħobb daqstant matul ħajtu. F'dawn il-ħsibijiet tiegħu Wojtyła jidħol fid-dettall biex juri aspetti interessanti ta' art twelidu bħalma hija d-devozzjoni Marjana antika fil-Polonja kif ukoll il-kontribut siewi li hija tat lill-Kristjaneżmu Ewropew. Il-Papa jidħol ukoll fid-dettall biex jispjega x'inhi l-opinjoni tiegħu fuq temi bħan-nazzjonaliżmu u l-Unjoni Ewropea. Dan il-ktieb huwa wkoll traduzzjoni ta' Dun Geoffrey G. Attard.

Dawn iż-żewġ kotba jinstabu għall-bejgħ mill-*Lumen Christi Bookshop* ta' Triq Fortunato Mizzi, il-Belt Victoria, kif ukoll mill-ħwienet taċ-ĊAK f'Malta. Huma qed joħorġu għad-dawl matul din is-sena li sa tibqa' sinonima mal-beatifikazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

# Mir-Reġistri tal-Parroċċa: Żwiġijiet 1626-2002

Toni Farrugia

Wara li lestejt id-*database* taż-żwiġijiet li huma rreġistrati fil-parroċċa tagħna, il-pass li jmiss kien illi "nistandardizza" il-kunjomijiet u l-ismijiet ta' l-għarejjes u l-ġenituri tagħhom, peress illi jiena kont daħħalt kollox kif kien irreġistrat, bl-iżbalji u bil-varjazzjonijiet fl-ortografija b'kollox. Biżżejjed ngħid li għall-isem "Catharina" hemm xejn inqas minn 32 varjazzjoni u, biex nagħti eżempju wieħed biss, għall-kunjom Grech sibt Gric/Greco/Grec/Greg. Ta' min jgħid illi sal-bidu tas-seklu l-ieħor kien għadu ma ġiex stabbilit kif għandhom jinkitbu l-kunjomijiet u l-ismijiet, u għalhekk il-Kappillan kien jirreġistra l-isem jew il-kunjom kif jidhirlu.

Xtaqt naqsam mal-qarrejja ta' din ir-rivista xi punti ta' interess li ltqajt magħhom f'dan l-eżerċizzju. Sa April 1673 l-ismijiet u l-kunjomijiet kienu jinkitbu bit-Taljan, meta mbagħad bdew jinkitbu bil-Latin. Dan baqa' jsir sat-28 ta' Ottubru 1989, meta bdew jinkitbu bil-forma moderna. Għall-bidu d-dettalji kienu jkunu mill-inqas – il-ġenituri ta' l-għarajjes ma kinux jiġu rreġistrati, u kien hemm każijiet fejn saħansitra d-dettalji ta' l-għarus jew ta' l-għarusa ma kinux irreġistrati. Naħseb li jkun biżżejjed jekk ngħid li hemm ftit aktar minn 3,000 żwieġ fejn il-kunjom ta' omm l-għarus jew/u omm l-għarusa m'hux irreġistrat. Barra minn hekk, minn April 1672 sa April 1673 u minn Jannar 1677 sa Ġunju 1678 għal xi raġuni jew oħra ma ġie rreġistrat l-ebda żwieġ; sempliċement hemm żewġ paġni vojta.

Bejn it-8 ta' Awwissu 1626 u l-14 ta' Diċembru 2002 hemm irreġistrati b'kollox 6,522 żwieġ. L-ewwel żwieġ li għandna rreġistrat hu bejn Giovanni Filippo Muscat u Chatarinella Gauci, bint Pino u Claruzza Gauci **(ritratt 1)**. Fl-artiklu *Mill-Istorja tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ: Żwiġijiet 1556-1625* ippubblikat fil-ħarġa *Festi San Ġorġ 1987*, John Bezzina jgħid li missier l-għarusa, jiġifieri Pino Gauci, kien dak li għalih baqgħet imsemmija l-knisja "Ta' Pinu", peress li kien hu li fis-sena 1619 ħalla l-kwadru tal-Madonna li tpitter minn Amadeo Perugino.

**Ismijiet u kunjomijiet**

Sibt għadd ġmielu ta' ismijiet u kunjomijiet li huma estinti. Fost il-kunjomijiet hemm Caggesa, Dandalona, Dicaci, Incontri, Metallo, Bringhelli, de lo Re` u Macanuc (Maħnuq), li skond informazzjoni li tani Dr Horatio C.R. Vella, kienu jeżistu f'Għawdex biss. Min irid aktar tagħrif fuq dan is-suġġett, kont ktibt serje ta' tliet artikli fil-pubblikazzjoni li toħroġ is-Soċjetà *La Stella* għall-Festa ta' San Ġorġ (2005-2007). Hemm ukoll żewġ artikli dettaljati ħafna, wieħed tal-Prof. Stanley Fiorini: *The Resettlement of Gozo after 1551*, li deher fil-*Melita Historica*, Vol. IX, Nru 3; u l-ieħor tal-Prof. Godfrey Wettinger: *The Place Names and the Personal Nomenclature of Gozo 1372-1600.*

**Knejjes**

Il-maġġoranza assoluta taż-żwiġijiet saru fil-knisja ta' San Ġorġ. Imma hemm oħrajn li saru fil-knejjes u kappelli l-oħra li għandna r-Rabat. Xi wħud minn dawn il-kappelli m'għadhomx jeżistu: il-kappelli li kien hemm fiċ-ċimiterju ta' ħdejn il-knisja ta' Santu Wistin u li l-lum minfloku hemm mibni l-Oratorju *Don Bosco*, il-kappella magħrufa bħala San Ġużepp tas-Suq li twaqqgħet fil-ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor biex titwessa' Pjazza San Ġorġ, u l-kappella ta' San Kosma u San Damjan. Din l-aħħar kappella kienet faċċata ta' l-istatwa ta' San Ġużepp li hemm fit-triq li tagħti għal Ta' Pinu hekk kif toħroġ mir-Rabat. Hemm għadd ieħor ta' żwiġijiet li saru f'diversi parroċċi madwar Malta u Għawdex. Xi wħud ma sarux ġo knisja parrokkjali, bħal fil-kappella tal-ħabs ċivili tal-belt (1804), fil-kappella ta' l-isptar il-qadim (fejn il-lum hemm il-Ministeru għal Għawdex) u ta' l-Isptar ta' San Ġiljan (fejn il-lum hemm is-Seminarju), fil-kurja veskovili, fil-ħabs ta' l-Isqof fil-Birgu (1761 u 1766), u fid-dar ta' l-għarus għax kien marid gravi (1728). Fl-aħħar nett hemm xi wħud li saru f'dawn il-knejjes: ta' Santu Rokku, Malta (fl-1780, imma r-raħal m'hux speċifikat), *Chiesa di S. Giosepi dentro il Castello* (1640), *Chiesa del S. Salvator della Punta* (1653) **(ritratt 2)**, *Chiesa delli Patri Cioculanti della Notabile* (1639),



1



2

*Convento delli Padri Coculanti della Città Valletta* (1659), u *Convento delli Padri Cochulanti* (1662). Il-knisja ta' *S. Salvator della Punta* jista' jkun li kienet fil-Birgu, peress li ż-żwieġ tbierek mill-*Cappellano della Città Vittoriosa*, filwaqt li t-tlieta ta' l-aħħar huma kunventi tal-patrijiet Franġiskani Minuri. Fl-aħħar nett hemm ieħor li sar fil-Vatikan (1975) u oħrajn li saru fejn il-lum hi magħrufa bħala Manresa, li matul is-snin biddlet l-isem li kienu jsejħulha bih xejn inqas minn erba' darbiet (San Martin, San Kalċedonju, Santa Dminka u fl-aħħar għall-Madonna ta' Manresa).

**Parroċċi**

Hija l-użanza li t-tieġ isir fil-parroċċa ta' l-għarusa. Għalhekk ħlief għal xi ftit li kienu minn xi parroċċa oħra ta' Għawdex jew ta' Malta, l-għarusa kienet tkun mir-Rabat. Fil-każ ta' l-għarus, il-maġġoranza ovvjament kienu mir-Rabat. Imma mbagħad insibu tiżwiqa sewwa ta' għarajjes li ġew mid-diversi parroċċi ta' Għawdex u ta' Malta. Tnejn li laqtuni kienu dak tat-23 ta' Jannar 1691 fejn l-għarus huwa rreġistrat li kien mll-*Parochia S. Antonii de Casalis Ta Xauct Hasenin*, u dak tat-22 ta' Novembru 1692 fejn l-għarus hu rreġistrat li kien mill-*Parochia Ta Xahret el Hasenin*. Dawn it-tnejn kienu mix-Xagħra.

Hemm ukoll għadd ġmielu ta' barranin, anki fi żminijiet imbiegħda, fatt li juri li s-soċjetà Għawdxija ma kinitx magħluqa daqs kemm wieħed jaħseb. Fost dawn insibu ħamsa li kienu residenti f'Algarbionum, il-Portugall (bejn l-1763 u l-1764) u wieħed kull wieħed minn *Ispalensium ex Villa de Mula Regno Murcia* (1805) (Regno Murcia l-lum hi reġjun awtonomu fi Spanja), *Civitatis Larissæ Provinciæ Thessalonicæ*, il-Greċja (1716), *Terra Conca ex Regno Imperiali* (1787) (dak li fl-istorja hu magħruf bħal r-Renju taż-Żewġ Sqallijiet), u *Terra Forchi Diocesis Archipelagi Sanctæ Agatæ* (1778) **(ritratt 3)**. Dan ta' l-aħħar ma rnexxilix insir naf għal liema post qed jirreferi.

**Tagħrif ieħor**

1. Milli jidher fl-antik wieħed mix-xhieda x'aktarx li kien ikun is-sagristan. Dan għaliex sibt li għal perjodi sħaħ f'bosta żwiġijiet wieħed mix-xhieda kien ikun l-istess persuna. Ngħidu aħna bejn l-1801 u l-1835 Antonius Grima kien xhud f'xejn inqas minn 752 żwieġ.



3



4

Jew inkella kien ikun is-saċerdot tal-parroċċa: bejn l-1744 u l-1788 Dun Nicolaus Gatt kien xhud f'330 żwieġ.

2. Waħda mill-affarijiet li laqtitni kienet in-numru ta' żwiġijiet li kienu jsiru bejn persuni li jkunu romol: bejn l-1710 u l-1945, minn 4,368 żwieġ, 745 (jiġifieri 17%) kienu bejn persuni fejn jew l-għarus jew l-għarusa, u saħansitra ġieli anki t-tnejn, kienu romlu ta' l-inqas darba. Ġieli sibt żwiġijiet fejn ir-raġel jew il-mara jkun qed jiżżewweġ għat-tielet jew ir-raba' darba… fatt li jitkellem volumi fuq il-qagħda soċjali prekarja li kienu jgħixu fiha missirijietna!

3. Fl-antik jekk l-għarajjes kienu jiġu minn xulxin, sew minħabba konsangwinità (kuġini) u sew minħabba affinità (bħal ngħidu aħna, jekk wieħed ikun sa jiżżewweġ lil oħt il-mara wara li jkun romol), kien ikollhom iġibu dispensa mis-Santa Sede. Dawn id-dispensi kienu meħtieġa anki f'każi fejn l-għarajjes kienu terzi kuġini. Il-lum il-ġurnata d-dispensa tingħata mill-isqof tal-post.

4. Meta l-għarus, missier l-għarus/a jew ix-xhud kien ikun professjonista, kienet tiġi rreġistrata l-professjoni tiegħu: *chirurgus*, *physicus*, *notarius*. Xi individwi huma rreġistrati bħala *aramatarius*, li x'aktarx kien l-ispiżjar. Xi persuni oħra huma rreġistrati bħala *clericus*. Din il-kelma kellha tifsira usa' minn tal-lum. Minn barra seminarista, student tal-patrijiet jew djaknu, kienet tfisser ukoll wieħed lajk li kien jgħin fix-xogħol tal-parroċċa. Dawn kienu jieħdu t-tonsura u l-erba' ordnijiet minuri bla ma jkomplu għall-ordinazzjoni, bħalma kien il-Beatu Nazju Falzon. Dawn il-kjeriċi kienu magħrufa bħala tonsorati, u kienu sudditi diretti ta' l-Isqof u mhux tal-Gran Mastru jew ta' l-Inkwiżitur.

5. F'Lulju 1798 il-viċi parroku Don Nicolaus Grima rreġistra t-titlu tiegħu bħala *Civis* (ċittadin) u mhux bħala *Don*. Dan għaliex meta waslu l-Franċiżi f'Malta f'Ġunju 1798, mill-ewwel ħadu passi biex jikkontrollaw, biex ma ngħidx jeqirdu, l-influwenza tal-Knisja f'dawn il-gżejjer. Din kienet waħda minnhom, miżura li ma



5

tantx damet għaliex fiż-żwieġ li jmiss, f'Novembru 1798 **(ritratt 4)**, il-viċi parroku rreġistra ruħu bħala Don Salvator Bonelli. Dan sintendi minħabba l-fatt li l-ħakma tal-Franċiżi f'Għawdex spiċċat qasir il-għomor (madwar erba' xhur).

6. Fl-antik kien hemm dak li jissejjaħ legat taż-żwieġ. Din kienet tkun somma flus iddepożitata minn xi benestant biex ir-renta tagħha tingħata bħala dota lil xi xebba fqira biex tiżżewweġ fil-festa ta' Santa Marija. Biex nagħti eżempju, fil-15 ta' Awwissu 1656 saru ħames żwiġijiet x'aktarx b'legat ta' dan it-tip.

7. Fis-26 ta' Ottubru 1665 Carlo Azzupardo ngħata permess mill-Inkwiżizzjoni biex ikun jista' jiżżewweġ *(per ordine della Santa Inquisicione)*. Fi żmien il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, il-Knisja, permezz ta' l-Isqof u l-Inkwiżitur, kellha ċerti poteri ġudizzjarji fejn kienu jidħlu kwistjonijiet reliġjużi u morali, bħal f'każ ta' ereżija u maġija. Milli jidher dan Carlo Azzupardo kien xellef difrejh ma' l-awtoritajiet ekkleżjastiċi.

8. Sibt żewġ każi ta' l-ilsiera li ngħataw il-libertà minn sidhom *(manimissum)* u wara żżewġu. Dawn kienu Simeon, li kien meħlus mill-padruni tiegħu Bonnici u Sammut (1710) **(ritratt 5)**, u Joseph, li kien meħlus mill-padrun tiegħu Fenech (1730). L-ilsir kien jieħu kunjom sidu; għalhekk fil-każ tagħna l-ewwel ilsir huwa rreġistrat bħala *Simeon de Bonnici et Sammut*, filwaqt li t-tieni wieħed hu rreġistrat bħala *Joseph de Fenech*.

9. Fit-8 ta' Lulju 1786, Paulus Cordina tħalla joħroġ mill-ħabs biex ikun jista' jiżżewweġ *(carceribus extractus)*.

10. Fit-28 ta' April 1701, fil-knisja ta' San Pawl il-Belt Valletta, iżżewġu żewġt aħwa miż-Żejtun (Tomas u Marius Clemens Bonnici) ma' żewġt aħwa mill-parroċċa ta' San Ġorġ (Malgarita u Pulcheria Xiriha).

11. Fid-9 ta' Lulju 1633 u fl-10 ta' Lulju 1633 sar iż-żwieġ ta' Andreana u Clara Borg rispettivament, li kienu t-tfal ta' Pancratio u Emilia Borg, u mbagħad fit-18 ta' Ġunju 1634 sar iż-żwieġ ta' l-istess Pancratio Borg għax kien romol.

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lil Dr Horatio C.R. Vella ta' l-għajnuna li tani matul is-snin, u li mingħajr il-pariri siewja tiegħu din id-*database* ma kinitx tkun preċiża daqs kemm hi.

**Toni Farrugia** jagħti servizz ta' arkivista fil-Bażilika ta' San Ġorġ, u f'dawn l-aħħar snin għamel xogħol ta' kodifikazzjoni fuq ir-Reġistri taż-Żwieġ tal-parroċċa.

# IL-BELT VICTORIA:
## Paġni minn dawn it-tletin sena...




1




2



IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Settembru/Ottubru 1989 Nru 50

editorjal

HAMSIN ĦARĠA

*Il-Bord Editorjali jħossu kburi li llum qed tasal f'idejkom il-ĦAMSIN ĦARĠA tar-rivista tagħna 'IL-BELT VICTORIA'. L-ewwel ħarġa tar-rivista kienet dik ta' Lulju - Awissu 1981 u l-ħsieb biex tibda tiġi pubblikata kien nibet u ġie diskuss waqt seminar pastorali li l-parroċċa tagħna kienet organizzat xi xhur qabel.*

*Fil-bidu kollox deher diffiċli. Iżda sibna l-għajnuna ta' ħafna li għarfu s-siwi ta' rivista għall-parroċċa li toħroġ kull xahrejn. Fl-ewwel ħarġa tar-rivista l-Bord Editorjali kien iddikjara li r-rivista kellha tkun informattiva u formattiva. Il-ħamsin ħarġa li ġew pubblikati huma xhieda li dak li għidna fil-bidu wettaqnih. Mhux darba u tnejn artikli mir-rivista tagħna ġew pubblikati f'pubblikazzjonijiet oħrajn f'Għawdex u Malta. Kellna wkoll każi fejn materjal mir-rivista tagħna deher f'pubblikazzjonijiet bil-Malti f'pajjiżi bħal Kanada u l-Awstralja. Dan kollu jixhed li l-pubblikazzjoni tagħna hija waħda ta' livell għoli. Dan nittamaw li nkomplu għall-ġejjieni.*

*Skop ieħor li deher li ser jitwettaq mir-rivista tagħna kien li din ir-rivista tkun ta' holqa bejn il-parruċċani f'Għawdex u anke dawk li jinsabu barra minn Malta. Dan żgur li seħħ meta wieħed jisma' speċjalment il-kummenti ta' l-emigranti li kultant żmien jiġu fostna għall-btala. Kull min ġie fostna u qed jirċievi r-rivista f'art barranija qalilna kemm ikunu jistennewha u malli jaqrawha jkunu pronti jgħadduha lil ħaddieħor. Minn naħa tagħna aħna nagħmlu kull mezz biex malli tkun lesta kull ħarġa nimpustawha lill-emigranti tagħna. Dan is-servizz ser inkomplu ngħamluh minkejja l-ispejjeż tal-posta bl-ajru.*

*Mill-ewwel ħarġa sallum il-Bord Editorjali qagħad attent ukoll li din ir-rivista ma tagħtix wisa' għal kitbiet ta' natura politika jew oħrajn li jistgħu jagħtu lok għal xi polemika. Dan il-prinċipju ġie mħares sewwa u bi ħsiebna nibqgħu nsostnuh fil-ħarġiet kollha. Għax il-ħsieb ewlieni tagħna mhux li nużaw il-pinna biex ninbxu jew b'xi mod nifirdu, iżda li permezz tar-rivista noħolqu djalogu u li r-rivista tkun ukoll mezz ta' tagħlim għall-komunità parrokkjali.*

*Inħossu li fl-okkażjoni ta' din il-ĦAMSIN ĦARĠA għandna nroddu ħajr lil dawk kollha li jgħatu l-għajnuna tagħhom fil-pubblikazzjoni tagħha. Inroddu ħajr ukoll lil kull min jgħin fid-distribuzzjoni tagħha, lil minn jieħu ħsieb jimpustaha kull darba li toħroġ u lil dawk kollha li jgħinu b'xi kontribuzzjoni li jagħtuna.*

*Tajjeb għalhekk li fl-okkażjoni ta' din il-ĦAMSIN ĦARĠA kull min għandu għal qalbu r-rivista jwassal fl-envelope li qed nagħtuh kontribuzzjoni xierqa ħalli dak li bdejna fl-1981 nkompluh 'l quddiem b'iktar ħeġġa u kuraġġ.*

IR-RIVISTA TAGĦNA WASLET FIL-50 ĦARĠA!
L-Għajnuna tagħkom ma naqset qatt!
*IL-50 ĦARĠA LI JMISS JIDDEPENDU XI FTIT MINNEK!*
KULL OFFERTA TGĦIN — TIBQAX LURA!
*Wassal l-envelope li qed tingħata fl-Uffiċċju Parrokkjali jew agħtih lil min iwassallek il-Bullettin u r-Rivista.*
GRAZZI

3

**1 Lulju-Awwissu 1984 (19):** Ħarġa speċjali f'għeluq l-1700 sena mit-twelid ta' San Ġorġ Martri.
**2 Jannar-Frar 1985 (22):** Suppliment ta' tifkira taċ-ċelebrazzjonijiet straordinarji f'ġieħ San Ġorġ li saru fil-Belt Victoria bejn April u Lulju 1984.
**3 Settembru-Ottubru 1989 (50):** Il-qoxra tal-ħamsin ħarġa.

## Qaddisin "Ġorġjani" 33

RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA
U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU



*Antoine Vassallo*
vasantl@maltanet.net

# Il-Beatu Ġustinu Russolillo

## (tifkira liturġika fit-2 ta' Awwissu)

Il-fundatur tas-Soċjetà tal-Vokazzjonijiet Divini twieled fi Pianura, parti ta' Napli msejħa Chianura bil-lingwa tal-post, f'Jannar ta' l-1891. Jirrakkuntaw li deher b'xi mod "differenti" – ommu Giuseppina Simpatia ddikjaratu li "ġej mis-Sema" – u dehritlu tbissima "anġelika" malli tgħammed l-għada, bi sforz minħabba li kienu jiem ta' borra saħansitra iktar mis-soltu. Kien tifel fuq tiegħu, anki jekk ubbidjenti; mill-ewwel dehret l-intelliġenza, hekk li mexa iktar 'il quddiem mill-età li kellu u ma kienx joqgħod lura fil-mistoqsijiet. Kellu zijiet għalliema li kienu jeħduh magħhom fil-klassi. Darba waħda minnhom staqsietu: "X'sa ssir meta tikber?". Weġibha pront pront: "Qassis, u nagħti tewba kbira bħal Randan ħobż u ilma jew ħmistax-il posta kuljum"! Donnu kien joqgħod serju biss meta "jqaddes" jew "jippriedka"; milqugħ minn ġirien anzjani, kienu "jħallsuh" billi jgħallmuh snajja' "femminili" bħar-rakkmu. Iz-zija Giovannina kompliet tgħallmu wara l-ewwel snin tal-Primarja; kibret għand familja magħrufa għall-interess fit-tagħlim, fejn kien jingħad li "hemm anki l-qtates intelliġenti"! "Giustiniello" kien ħerqan ferm: meta tgħidlu li mħabbta wisq, kien jitkarrbilha: "Ta' l-inqas għamilli lezzjoni ta' kwarta!".



Minkejja problemi finanzjarji, peress li missieru Luigi korra, daħħluh is-Seminarju. Il-kwistjoni tal-flus issolviet bl-intervent ta' l-Isqof stess; iżda saħħtu ma kenitx mill-aħjar. Xorta ġibed l-istima tas-superjuri, l-ammirazzjoni tal-professuri u l-imħabba ta' sħabu. Ippreżentawh għall-eżamijiet statali: is-suttana ma neżagħhiex, avolja darras xi eżaminatur fl-oral, minħabba l-antiklerikaliżmu mferrex dawk iż-żminijiet. L-aħħar sentejn tat-Teoloġija għamilhom f'seminarju reġjonali ġdid: dawn l-ewwel sitt studenti Giustino kien isejħilhom "familja", immexxija minnu stess bħala prefett. Ir-rettur wara faħħru bħala li "ħaqqu nikkanonizzawh minn din id-dinja!".

Irċieva l-ordinazzjoni saċerdotali fl-20 ta' Settembru 1913 u, seba' snin wara, inħatar il-kappillan tal-parroċċa ddedikata lil San Ġorġ Martri fi Pianura stess. Din hi waħda mill-knejjes l-iktar prominenti ta' Napli, bl-aqwa partijiet ġejjin mis-seklu sbatax, iżda b'oriġni ħafna eqdem. Hemm kellu jibqa' għal ħamsa u tletin sena, sa mewtu! Kien ħabib ma' kulħadd, dejjem lest biex jaġixxi fuq l-ispirazzjonijiet li jirċievi mis-Sema. Kien "iffissat" fil-katekiżmu: barra li jgħallem, iħajjar oħrajn. Ftit ġimgħat wara ġabar l-ewwel komunità tal-"Vokazzjonisti"; l-intoppi ma naqsux iżda, barra li waslet il-konferma djoċesana, kemm ta' l-irġiel u kemm tan-nisa saru kongregazzjonijiet ta' dritt pontifiċju wara t-Tieni Gwerra. Il-kariżma partikolari hi ħidma favur il-vokazzjonijiet: għas-saċerdozju, għall-ħajja reliġjuża u kkonsagrata, u għall-qdusija fost il-poplu ta' Alla. Ma rridux ninsew li l-idea tal-Qdusija Universali kienet għadha "rivoluzzjonarja". Don Giustino Maria waqqaf "Vokazzjonarju": dar ta' formazzjoni u ta' dixxerniment biex minnha joħorġu dawk li jkomplu fis-seminarji, kemm djoċesani u kemm reliġjużi. Minn fost id-disa' ħutu, Ċiru daħal Vokazzjonista u Ġanna kienet l-ewwel superjura tas-sorijiet.

Kien edukatur mill-aqwa, b'sistema żviluppata fuq id-direzzjoni spiritwali u spiritwalità Trinitarja. Din wasslitu għal enfasi fuq in-numru 3. Nagħti tliet eżempji: Ġesù fil-Vanġelu, Ġesù fl-Ostja, u Ġesù fil-Knisja; il-Familja Mqaddsa; il-Knisja Militanti, Purganti u Trijonfanti. Mill-ewwel ġabar grupp imdaqqas ta' "Volontarji ta' Ġesù": biex jingħarfu libbsilhom ma' drieghhom faxxa bix-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù. Dawn it-tfal iddeskrivewhom bħala prekursuri ta' l-Azzjoni Kattolika għax, barra li kienu jitqarbnu kuljum – b'fosthom min kellu responsabbiltà jqajjem lill-oħrajn biex ma jibqgħux reqdin! – rawwimhom biex ma jħallux jingħad kliem u jsir aġir li ma jixraqx; barra minn dan, kienu dejjem itambru ma' ta' mparhom fuq il-bżonn tat-talb u t-tagħlim. Barra li jesiġi li jieħdu sehem bil-għaqal fil-purċissjonijiet u l-funzjonijiet, kien jorganizzalhom logħob fil-festi u l-vaganzi, u lill-kbar fosthom introduċiehom għall-appostolat soċjali. U, għall-bniet u n-nisa, waqqaf l-"iskjavi ta' Marija", iżda ma nistax insemmilu kollox!

Don Giustino miet fit-2 ta' Awwissu 1955 fil-*Casa Madre* fi Pianura. Id-digriet għall-ftuħ tal-kawża għall-beatifikazzjoni ħareġ fid-djoċesi ta' Pozzuoli fl-1978, fit-23 ta' April; ftit wara ħareġ il-permess biex tiġi ttrasferita għat-tribunal ta' Napli, hekk li d-dokumentazzjoni twasslet għand il-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin f'Mejju 1985. L-eżumazzjoni saret f'Ottubru 1996, fil-preżenza tad-delegat tal-Kardinal ta' Napli. Il-Ġeneral Dun Raffaele Castiglione, il-Madre Ġenerali Swor Giannina di Francia,

*jissokta fuq il-faċċata l-oħra...*

# ROKNA għat-tfal



Għeżież tfal,
Ċert li tridu ttiru bil-ferħ, l-ewwel nett għax issa tinsabu fil-vaganzi, u iktar u iktar għax ninsabu fi żmien il-festa. U la ninsabu f'dan iż-żmien sabiħ, mhux sa noqgħod nippriedka bħalma nagħmel is-soltu, imma qed nibagħtilkom din il-poeżija fuq il-Martri tagħna li lilu qed nagħmlu festa kbira. Iddevertu fil-festa, ħudu gost, u ejjew il-knisja għall-funzjonijiet sbieħ bħalma għamiltu tul il-Ħamisijiet u tul in-Novena sabiħa li kellkom. U lil dawk fostkom li huma morda nawguralhom fejqan ta' malajr, u jekk tkunu għadkom ġewwa f'jum il-festa, ta' l-inqas tkunu tistgħu ssegwu kollox minn fuq it-televixin. Il-festa t-tajba lil kulħadd!

*Iż-Żiju Joe*

## Inħobbok... San Ġorġ
Joe M. Attard



Reġgħet waslet din il-festa
li ġġennen lil kulħadd,
dat-tribun, Ġorġi ta' Lidda,
żgur li bħalu ma deher qatt!

Fil-Belt Pinto, 'l-Belt Victoria,
lilu nbnew żewġ tempji kbar
fejn kuljum il-folla tidħol –
żgħażagħ, xjuħ, għonja u fqar.

*"Princeps Martyrum"* isejħulu
fil-Ġenna l-qaddisin,
magħhom aħna ħaġa waħda
minn hawn isfel magħqudin.

Ġewwa n-Nikomedija
lin-nies saħħar għal warajh,
il-folla miġnuna tiġri,
tbus il-passi ta' saqajh!

Għalkemm nobbli, qassam ġidu,
ma ġeriex wara l-unuri;
wara Kristu ried li jimxi
u mħabbtu Lilu juri.

Il-martirju ġarrab, sofra
bla biża', b'kuraġġ ta' ljun;
f'idejn Kristu ried li jħalli
ta' ħajtu kollha t-tmun.

Fis-Sajf lilu festa nagħmlu
u nżejnulu t-triqat,
dwal ipetptu, tiżjin, baned:
dan hu l-qaddis ta' kulħadd!

Ġo Ħal Qormi, hawn fir-Rabat
mat-triqat in-nies iddur,
tiddeverti, taqbeż, tgħajjat,
u dlonk darha bil-ferħ tfur.

O San Ġorġ, mimmi t'għajnejna,
dawwal int il-ħajja tagħna,
saltan fuqna, indukrana,
qalbna kollha bik tistagħna.

U meta n-numru jagħlaq
biex fil-Ġenna niġu ħdejk,
fis berraħ Bibien is-Sema,
titlaqniex minn taħt għajnejk!

u l-Postulatur Dun Giacomo Capraro (li "wiret" lil Dun Oreste Anella) kienu fl-Awla meta l-Papa Ġwanni Pawlu II, li sar beatu mank ġimgħa qablu, irrikonoxxielu l-virtujiet erojċi – biex jissejjaħ Venerabbli – fit-18 ta' Diċembru 1997. Fl-1 ta' Lulju 2010 il-Papa Benedittu ffirma d-digriet tal-miraklu fuq l-Amerikana Gaetanina Meloro fl-1998.

Iċ-ċerimonja tal-beatifikazzjoni tmexxiet mill-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin, il-Kardinal Angelo Amato, fis-7 ta' Mejju 2011, f'raħal twelidu, Pianura. Ma kinux neqsin l-awtoritajiet ekkleżjastiċi – inklużi kardinali u isqfijiet – u ċivili. Ovvjament għamlu bosta ċelebrazzjonijiet bi tħejjija u anki wara. Nillimita ruħi għal erba' eżempji marbuta mal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ: Quddiesa mxandra mir-*Rete4*, oħra għall-mejtin, velja ta' talb, u purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ lejn il-Vokazzjonarju.

Barra saċerdoti u sorijiet, il-lum il-familja Vokazzjonista tinkludi *Apostole Vocazioniste della Santificazione Universale, Amici di don Giustino, Cooperatrici Missioni Vocazioniste, Servi di Cristo Vivo, Figli della Luce* u *Shepherds of Youth*, għax il-kariżma tiegħu welldet anki movimenti lajkali; b'ħidma fi ħdax-il pajjiż, imxerrda mal-kontinenti ta' l-Afrika, l-Amerika, l-Asja u sintendi l-Ewropa. Imħeġġin għall-vokazzjonijiet, speċjalment fost il-foqra, b'*"vero culto per ogni vocazione"*, kif għallimhom. Il-Beatu Ġustinu *della Santissima Trinità* ħallielna ħafna tagħlim, li s-sorijiet tiegħu jiġbru u jippubblikaw: priedki, konferenzi, kotba u innijiet. Fost dawn ta' l-aħħar, ta' min isemmi wieħed lill-qaddis patrun tagħna. Żgur tieħdu gost taqrawh, kemm fl-oriġinal u kemm adattat għall-Malti, fil-paġna li jmiss.

Nagħlaq bi twiddiba li kien iħobb jirrepeti: *"Fatti santo davvero, che tutto il resto è zero"* – l-essenzjal il-mixja lejn il-qdusija!

# *Lauda di san Giorgio*

*Pei nobili ideali – del militar valore*
*desti all'imperatore – gli anni tuo verginali.*
*Battaglie le più fiere – t'aspettan cavaliere.*

Che mare di peccato – tu navighi, o innocente,
qual stella rifulgente – in ciel ottenebrato.
Ma Dio Gesù ti amava – e nel tuo cor regnava.

*E sel del suo splendore – il mondo ti avvolgeva,*
*nell'alto ti arrideva – la croce del Signore.*
*E il mondo calpestasti – la Croce ti abbracciasti.*

*Prima che a Costantino – apparve a te quel segno,*
*e ne vincesti un regno – più che roman-divino*
*la Croce tua bandiera, – tue armi la preghiera.*

Così su' forti e i savi – di Roma il vanto tieni,
che ai poveri i tuoi beni – e libertà ai tuoi schiavi
largisci pel Signore – sovrano dell'amore.

Ma come insorgi, o mite – cuore di cristiano
contro Diocleziano – nell'immortale lite!
Splende nel tuo coraggio – di Gesù Cristo il raggio.

*Non contro un sol, ma squadre – di draghi alla difesa*
*ti lanci della Chiesa, – dolce sorella e madre.*
*Applaude cielo e terra – alla tua eroica guerra.*

*O patria, o giovinezza, – o umana gloria, addio!*
*Vi lascia, forte, il pio – con fulgida allegrezza.*
*Beni maggior possiede – chi muore per la fede.*

Ecco ti s'incatena – d'un carcer nell'orrore,
ma il verbo del Signore – nessuno mai raffrena.
Ne trema umiliata – la belva incoronata.

*E ruote pugnalanti – e furie di flagelli*
*ti stracciano brandelli – di carne sanguinanti.*
*Ma al cor ogni ferita – porta una nuova vita.*

Di strazi dalla morte, – di fuoco dall'avello,
Gesù ti fa più bello – risorgere e più forte,
ad essere reciso – fiore del paradiso.

E su gli dèi caduti, – o Giorgio, a te d'intorno,
di tante stelle adorno, – e quanti martìri avuti,
tu ascendi vincitore – al bacio del Signore.

*Splendente del suo eterno – caratter di soldato,*
*Gesù t'ha consacrato – a vincere l'inferno,*
*con più trionfale sorte – dopo l'eroica morte.*

*Con te, celeste duce, – vogliamo militare,*
*certi di conquistare – la patria della luce,*
*dove ci vuol l'amore – del Dio Imperatore.*

*Vieni tra noi! C'infondi – la forza della fede*
*che mai al nemico cede. – Vieni tra noi! Rispondi*
*al grido del dolore, – al canto dell'amore.*

# *Għanja ta' tifħir lil San Ġorġ*

Fl-għan għani u xieraq ta' siwi ta' milizzja,
inti ogħla mill-imperatur. Żgħożitek,
o Kavallier, tbassar gwerer ħorox.

F'baħar ta' rovini int tbaħħar, o Innoċenti,
bħal stilla tiddi u tilma f'sema mudlam,
iżda Ġesù ħabbek u għammar f'qalbek.

U jekk fl-isplendur tagħha d-dinja għannqitek,
mill-għoli tbissimlek Salib l-Imgħallem
meta d-dinja barrejt għax is-Salib ħaddant.

Qabel ma lemħu Kostantinu, deher lilek is-Sinjal,
u bih irbaħt saltna aktar minn idolu Ruman.
Għax is-Salib bandiera tiegħek, l-arma tiegħek it-talb.

Kull foħrija lejk tiżboq dik lejn il-qawwija u għorrief ta' Ruma.
Għaliex ġidek lill-foqra u ħelsien lill-ilsiera
raddejt f'ġieħ l-Imgħallem, is-Sultan ta' l-Imħabba.

Imma kif irvellajt, o mansweta Qalb Nisranija,
kontra Djoklezjanu fil-ġlieda eterna!
Fil-kuraġġ tiegħek jiddi r-raġġ ta' Kristu.

Mhux kontra wieħed, iżda kontra kotra draguni
intfajt biex tiddefendi l-Knisja, ħelwa Oħt u Omm.
Jithennew is-Sema u l-art bil-ġlieda qalbiena tiegħek.

O patrija, o żgħożija, o glorja umana, saħħa!
Iħallikom, qawwi u twajjeb, b'ferħ jgħammex f'għajnejh,
ġid bla qies jiret min għall-Fidi jmut.

Tintlemaħ fil-ktajjen fit-tkexkixa ta' qiegħ ta' ħabs.
Imma Kelmet l-Imgħallem qatt ħadd ma jrażżan;
quddiemha tirtogħod telliefa d-dbiba feroċi.

Daqqiet ta' ponn li jfieru u flaġelli ħorox
ibiċċruk u ġismek jisfa mdemmi.
'Ma kull ġerħa lill-qalb tisqiha ħajja ġdida.

Bit-tortura tal-mewt, fin-nar tal-qabar,
Ġesù jirrendik isbaħ; tirxoxta u isħaħ
għalbiex tkun sod, Warda minn tal-Ġenna.

U 'l fuq minn allat li għebu, o Ġorġi, madwarek
b'ħafna stilel imżejjen, b'ħafna martirji li ġarrabt,
inti titla' Rebbieħ tirċievi l-bewsa tas-Sinjur.

Kif fik għaxqa fil-karattru dejjiemi ta' gwerrier,
Ġesù kkonsagrak biex tegħleb lill-Infern,
b'mod mill-aktar trijonfanti wara mewt erojka.

Flimkien miegħek, Mexxej mis-Sema, irridu nissieltu,
għax żgur li nirbħu l-Art Imdawla
fejn trid twassalna l-imħabba ta' Alla Imperatur.

Ejja fostna! Iżra' fostna l-qawwa tal-Fidi
li qatt ma ċċedi għall-għadu. Ejja fostna.
Wieġeb għall-għajta tad-dulur u l-għanja ta' l-Imħabba.

Ħajr lil Dun Richard Nazzareno Farrugia li għaddielna kopja ta' dan l-innu, meħud minn Suore delle Divine Vocazioni, *Devozionale. Edizione riveduta e corretta*, Pianura di Napoli 1996, 103-105.

eko għawdex
għawdex aħjar

European Regional Development Fund Cohesion Fund Malta 2007-2013

Parliamentary Secretariat for Consumers, Fair Competition, Local Councils and Public Dialogue

## Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd | 13
LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA

*Antoine Vassallo*
vasanti@maltanet.net

# Tisħiħ u Għajnuna

Ir-ritratt juri l-firma fil-21 ta' Ġunju tal-ftehim mal-Ministeru għal Għawdex fl-iskema ta' assistenza finanzjarja għal proġetti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi favur it-twettiq tal-miżuri *Eko-Għawdex.* Konna fost numru mdaqqas ta' rappreżentanti minn firxa ta' *NGO*s u għaqdiet volontarji li ngħbarna fis-Sala tal-Ministeru: jimpressjonak kemm gżiritna hi sinjura f'dan ir-rigward! Kellmitna l-Ministru Debono, u baqgħet magħna bl-aqwa interess, avolja f'isem il-Ministeru ffirmaw is-Segretarju Permanenti u d-Direttur responsabbli. L-aħbar sabiħa li ntgħażilna diġà spjegajtha fl-aħħar ħarġa, u semmejtilkom allura żieda fis-simboli li għandna, kif xieraq, f'din il-paġna.

F'isem il-Fondazzjoni Belt Victoria ffirmajna jien u Charles Cassar **(ara r-ritratt)**; fil-fatt dan hu inkarigat b'mod partikulari mill-ħidma għal dan ir-restawr. Kif forsi smajtu, bħala parti minn kors fid-Dipartiment ta' l-Istorja ta' l-Arti fl-Università ta' Malta, li matulu saħansitra rebaħ "premju tad-dekan" minħabba l-livell għoli li laħaq, għamel teżi fil-forma ta' katalgu dettaljat ta' l-opri artistiċi f'San Ġorġ; hekk għandna għad-dispożizzjoni gradwat li jinteressa ruħu sew fil-kamp!

Sintendi, biex eventwalment ikollna l-altar maġġur mibni mill-ġdid għall-wiri fil-Mużew, irridu nkunu lestejna x-xogħol l-ieħor. Għalkemm l-aspetti strutturali ntemmu kważi kompletament f'Diċembru tas-sena l-oħra, domna ftit mhux ħażin biex niffinalizzaw id-disinn: ħalli jirnexxielna nilħqu dak il-livell li mmirajna sa mill-bidu u li jixraq. Mhux darba u tnejn għaddew il-proposti mill-Ingilterra għal hawn... immaġinaw kieku ma teżistix l-email! U kemm għamilna laqgħat "tekniċi", bil-perit, l-inġinier, il-kordinatur, u dawk kollha li jistgħu joffru esperjenza utli!

Anzi ma kkuntentajniex b'hekk: tlieta minna saħansitra daħlu fil-battikata – u l-ispiża – biex marru jumejn Londra ħalli jżuru wirja speċjalizzata f'Earls Court, u b'hekk jagħmlu xi kuntatti utli. Kellhom ukoll sigħat twal madditta "tagħna", għax donnu dejjem jibqgħu punti li trid tiċċara!

Sadattant komplejna bl-aspetti organizzattivi mitluba mill-Awtorità responsabbli mill-Fondi Strutturali Ewropej, li, kif nafu, qegħdin jipprovdulna 85% ta' l-ispejjeż eliġibbli: biex niftiehmu, id-Diviżjoni ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-*PPCD.* Toni Farrugia, li qed imexxi l-uffiċċju tal-Fondazzjoni, mar kors qasir fuq kif titħaddem is-sistema kompjuterizzata msejħa *SFD* u jagħtini daqqa t'id essenzjali biex nimla l-formoli u nibni r-rapporti. Kien miegħi ukoll fl-20 ta' Ġunju f'laqgħa ma' żewġ uffiċċjali minnhom fejn iddiskutejna sew fiex qegħdin fil-proċess tat-twettiq tal-proġett u flejna xi aġġustamenti li l-esperjenza wrietna li jaqbel nagħmlu.

Din l-informazzjoni nagħtiha ġimgħa wara ġimgħa fil-programm kull nhar ta' Tlieta fuq ir-radju komunitarju tagħna; iżda nieħdu gost ferm meta ssirilna pubbliċità oħra. Hawn jixraq insemmi b'ringrazzjament lil Marion Zammit li tatna għaxar minuti tassew sbieħ fis-sensiela tagħha *It-Tokk* fuq l-istazzjon televiżiv *Net.* Kien it-3 ta' Mejju, u kellna ripetizzjonijiet madwar iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Patrun tagħna. Għalhekk kienu ħafna dawk li segwew il-programm b'entużjażmu; jien semmajtu wkoll! U l-mużew issemma indirettament anki minħabba l-wirja fuq il-Professur Conti li saret fil-Banca Giuratale, peress li ovvjament bosta mill-esibiti għad isibu posthom hawn.

"Sfortunatament", barra dan kollu, hemm bżonn il-flus: is-sehem tagħna tal-15%, flimkien ma' spejjeż li ma jaqgħux fil-kuntratt li għandna fil-programm *ERDF,* ilaħħaq dawk il-mitejn elf ewro... mhux ftit! Barra l-iskema tal-*€150 għamilhom elf* – li, infakkarkom, takkwista lil dawn il-benefatturi diversi benefiċċji, inkluża sħubija u dħul b'xejn permanenti – dħalna għal xi inizjattivi oħra. Bla ma noqgħod insemmi ismijiet individwali, jixraq nesprimi apprezzament mill-qalb lill-"Ħbieb tal-Mużew", b'mod partikulari għall-ħarġa soċjo-kulturali Malta u għall-ikla fi Pjazza San Ġorġ: żewġ okkażjonijiet, fis-7 u t-23 ta' Ġunju rispettivament, li tant irnexxew, anki minħabba n-numru tassew inkuraġġanti ta' dawk li pparteċipaw. Ma għandniex nieqfu hawn!



Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

April - Mejju 2011



*Andrew Formosa*
andrew@ilbeltvictoria.org

**» 1 ta' April**
**06.00pm:** Dun Ġużepp Gauci mexxa laqgħa ta' formazzjoni spiritwali għal żmien ir-Randan għall-membri tal-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**» 2 ta' April**
**02.00pm:** Saret laqgħa oħra fuq it-trobbija ta' l-ulied, organizzata mill-Moviment Azzjoni Soċjali għall-ġenituri, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**» 3 ta' April**
**07.00am:** Fetħet l-iskeda sħiħa tar-Rebbiegħa tar-radju komunitarju *Leħen il-Belt Victoria*.

**» 4-8 ta' April**
**04.15pm:** Mons. Carmelo Refalo, arċipriet tal-parroċċa tax-Xagħra, mexxa t-tieni kors ta' eżerċizzi spiritwali tar-Randan għal kulħadd, fil-bażilika.
**07.30pm:** Patri Peter Paul Cachia OSA mexxa l-kors ta' l-eżerċizzi spiritwali tar-Randan għall-adolexxenti, fiċ-ċentru parrokkjali.

**» 7-8 ta' April**
Fil-Kappellun ta' Ġesù u Marija ġiet esposta għall-pubbliku l-istatwa l-ġdida ta' Ġesù Marbut mal-Kolonna qabel il-polikromija, xogħol fl-injam ta' Michael u ibnu Adonai Camilleri Cauchi. Bosta dilettanti, anki minn Malta, ġew jammiraw is-sbuħija ta' din l-istatwa u d-dettalji artistiċi tagħha qabel il-proċess li fih ġiet miżbugħa mill-artisti nfushom.

**» 8-14 ta' April**
**06.00pm:** Bdiet is-Settiena tad-Duluri bi tħejjija għall-festa popolari tal-Verġni Mqaddsa Addolorata. Fl-ewwel ġurnata saret konċelebrazzjoni solenni bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, immexxija mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, li fi tmiemha saret *Via Matris* mat-toroq qodma ta' madwar il-bażilika b'waqfiet quddiem seba' stazzjonijiet differenti li fihom ġew immeditati s-seba' duluri tal-Verġni Mbierka. Fil-jiem l-oħra, Dun Geoffrey George Attard mexxa s-Settiena u għamel ir-riflessjoni ta' kull ġurnata.

**» 15 ta' April**
**Fil-għodu:** Infetħet għall-pubbliku l-wirja *Inħobbok* fid-daħla ta' Dar *Leħen il-Belt Victoria*, li din is-sena kienet tikkonsisti f'sett ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-wirja baqgħet miftuħa sal-jum tal-Ġimgħa l-Kbira.

**» 16 ta' April**
**06.45pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* akkumpanjat bid-daqq ta' marċi funebri l-istatwa l-ġdida ta' Ġesù Marbut mal-Kolonna, minn Triq ir-Repubblika sal-Bażilika ta' San Ġorġ.
**08.00pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* esegwiet kunċert ta' mużika sagra u letteratura reliġjuża tal-Ġimgħa Mqaddsa, li fi tmiemu l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona bierek l-istatwa l-ġdida.

**» 17 ta' April**
**10.45am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, akkumpanjat mill-membri tal-kapitlu u l-kleru, kif ukoll minn ġemgħa sabiħa ta' tfal u l-ġenituri tagħhom, mexxa r-Rit tat-Tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ fuq iz-zuntier tal-knisja filjali ta' San Ġakbu, fi Pjazza Indipendenza, u wara l-purċissjoni qasira lejn il-bażilika.
**11.00am:** L-Arċipriet mexxa l-konċelebrazzjoni solenni ta' Ħadd il-Passjoni tal-Mulej, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fil-bażilika.

**» 18 ta' April**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Konventwali, bis-sehem tas-saċerdoti tal-parroċċa u l-komunità tal-post.
**07.00pm:** Wara l-Quddiesa sar pellegrinaġġ penitenzjali bl-istatwa devota tar-Redentur, mill-knisja ta' San Franġisk għall-Bażilika ta' San Ġorġ.

**» 19 ta' April**
**06.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-Kolleġġjata, mexxa ċelebrazzjoni penitenzjali ta' l-Ewwel Qrara, li għaliha attendew it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Iċ-ċelebrazzjoni kienet imħawra bi preżentazzjonijiet awdjo-viżivi ta' katekeżi fuq is-sinifikat tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.
**08.30pm:** Il-Grupp taż-Żgħażagħ *23four>>* organizza *L-Ikla ta' l-Għid* fiċ-ċentru parrokkjali.

**» 20 ta' April**
**08.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-*Via Crucis* fi Pjazza San Ġorġ, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika u l-Kor *Laudate Pueri*. Tul il-*Via Crucis* inqraw ħsibijiet u talb imħejjija minn Dun Richard Nazzareno Farrugia, li kienu ppubblikati wkoll fuq ktejjeb li tqassam.

**» 21 ta' April**
**05.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni b'tifkira ta' l-Ikla tal-Mulej, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Fi tmiem il-funzjoni saret translazzjoni solenni bis-Sagrament Imqaddes lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni.
**06.30pm:** Bdiet ħierġa mill-Bażilika ta' San Ġorġ il-purċissjoni devozzjonali u tradizzjonali tal-Passjoni tal-Mulej. Għal ewwel darba ħarġet f'din il-purċissjoni l-istatwa l-ġdida ta' Ġesù Marbut mal-Kolonna, xogħol fl-injam ta' Michael u Adonai Camilleri Cauchi. Ħadu sehem il-Kor *Laudate Pueri*, il-Banda Ċittadina *La Stella* u l-Banda *Konti Ruġġieru* tar-Rabat ta' Malta.

**» 22 ta' April**
**09.00am:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss organizzat iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes.
**10.00am:** Flok il-*Via Crucis* fuq l-għolja Ta' Għammar, il-*Grupp 23four>>* organizza għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti ż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes fl-irħula ta' Għawdex.
**03.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-liturġija solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, li fiha saret l-Adorazzjoni tas-Salib.

**» 23 ta' April**
**08.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-liturġija solenni tal-Lejl Qaddis ta' l-Għid tal-Qawmien tal-Mulej, bis-sehem tal-kapitlu l-kleru. Għall-ewwel darba l-Mixegħla tal-Blandun saret fi Pjazza San Ġorġ. F'din il-liturġija saret il-Magħmudija ta' tliet trabi mill-Fonti tal-Magħmudija maġenb il-bieb prinċipali. Fl-omelija tiegħu, fi tmiem il-liturġija twila tal-qari mit-Testment il-Qadim u l-Ġdid, Mons. Arċipriet irrefera wkoll għall-ġmiel ta' dan il-jum fid-dawl tal-festa liturġika ta' San Ġorġ li din is-sena wkoll ħabtet fl-istess jum ta' Sibt il-Għid.

**» 24 ta' April**
**08.45am:** Ħarġet dimostrazzjoni reliġjuża bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt, bis-sehem tal-fratellanzi tal-parroċċa u l-Banda Ċittadina *La Stella*, li daret mat-toroq ewlenin tal-belt.

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-Kolleġġjata, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali fis-solennità ta' l-Għid Imqaddes, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Fi tmiem il-pontifikal, l-Isqof bierek u qassam il-figolli lit-tfal fiċ-ċentru parrokkjali.
**03.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona beda t-Tberik ta' l-Għid fil-familji tal-parroċċa.
**» 26 ta' April**
**Fil-għodu:** Ġiet organizzata ħarġa għall-Malta għall-grupp ta' l-adolexxenti tal-parroċċa.
**» 28 ta' April**
**07.30pm:** Fuq stedina ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Kor *Laudate Pueri* ta kunċert korali fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mill-mewt tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila. Il-kor esegwixxa numru ta' innijiet reliġjużi bil-Malti, kollha mill-pinna ta' Dun Karm.
**» 30 ta' April**
**08.00pm:** L-*istring ensemble* Franċiża *L'Invitation* tellgħet kunċert mużikali fil-bażilika.
**» 2-4 ta' Mejju**
**06.00pm:** L-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa t-tlitt ijiem tat-Tridu bi tħejjija għas-solennità liturġika ttrasferita ta' San Ġorġ.
**» 5 ta' Mejju**
**06.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Ewwel Għasar Solenni tal-festa, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.
**08.00pm:** L-Isqof ippresieda fuq Velja Ekumenika Solenni ta' qari, talb u kant fi Pjazza San Ġorġ, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Għall-velja ġew mistiedna l-membri tal-komunità Anglikana f'Għawdex, iddedikata lill-Verġni Mbierka u San Ġorġ, immexxija mill-Kan. Simon Godfrey, il-Kanċillier tal-Katidral Anglikan ta' San Pawl fil-Belt Valletta, li qraw ukoll xi siltiet. Ġew mistiedna wkoll membri tal-komunità Griega Ortodossa f'Malta, imma dawn kienu indisposti. Għal din l-okkażjoni nħarġet fil-bieb ewlieni tal-bażilika l-istatwa titulari ta' San Ġorġ.
**» 6 ta' Mejju**
**12.30pm:** Is-Soċjetà Filarmonika *La Stella* organizzat *L-Ikla tal-Festa* fil-Każin *La Stella*.
**06.30pm:** L-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa t-Tieni Għasar Solenni tal-festa, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.
**07.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Pontifikal Solenni ta' Jum San Ġorġ, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Ġew esegwiti l-*Missa Sanctæ Ioannis Baptistæ* u l-antifona *Beatus Georgius*, bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri* u l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' l-assistent *maestro di cappella* l-Kan. George J. Frendo. Din is-sena, il-jum liturġiku ta' San Ġorġ fid-djoċesi kollha ġie ttrasferit mit-23 ta' April għas-6 ta' Mejju, minħabba li din is-sena ħabat f'Sibt il-Għid.
**08.30pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* għamlet marċ minn Pjazza San Ġorġ sal-Każin *La Stella* bl-istatwa ta' San Ġorġ, xogħol ta' Austin Camilleri.
**» 8 ta' Mejju**
**11.00am:** Dun Joseph Mercieca ċċelebra l-ħamsa u għoxrin sena ta' saċerdozju tiegħu b'konċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr fil-bażilika, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, li għaliha assista l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Il-liturġija ġiet iċċelebrata kollha bl-ilsien Latin. Patri Eġidju Mizzi OFMCONV niseġ omelija sabiħa ta' l-okkażjoni. Wara sar riċiviment fiċ-ċentru parrokkjali.
**» 9 ta' Mejju**
**09.00am:** Fetħet l-iskeda ridotta tar-Rebbiegħa fuq l-istazzjon *Leħen il-Belt Victoria*.
**» 12 ta' Mejju**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fil-bidu tad-disa' Ħamisijiet bi tħejjija spiritwali għall-Festa ta' San Ġorġ. Saċerdoti differenti mill-parroċċa mexxew il-Quddies tal-Ħamisijiet, li fihom qasmu mal-ġemgħa riflessjonijiet sbieħ fuq il-ħajja u l-martirju ta' San Ġorġ, ispirati mid-diversi kwadri li għandna fil-bażilika, li xbieha tagħhom tqassmet lit-tfal li attendew f'forma ta' kartolina.
**» 11 ta' Mejju**
**06.00pm:** Il-Kan. Ġużeppi Sacco mexxa fil-bażilika Quddiesa organizzata mil-Leġjun ta' Marija b'tifkira tal-Venerabbli Edel Quinn, li għaliha attendew membri ta' bosta *præsidia* li għandna fir-Rabat. Wara ntwera filmat ċkejken fuq din il-Venerabbli fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* fejn saru wkoll xi *refreshments*.
**» 15 ta' Mejju**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-Kolleġġjata, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali li fiha amministra s-sagrament tal-Konfirmazzjoni lil tnejn u għoxrin adolexxent mill-parroċċa tagħna. Fil-Quddiesa kanta l-Kor *Laudate Pueri*.
**» 22 ta' Mejju**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-Kolleġġjata, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali li fiha ta l-Ewwel Tqarbina lil tmienja u għoxrin tifel u tifla mill-parroċċa. Fil-Quddiesa kanta l-Kor *Laudate Pueri*.
**» 27 ta' Mejju**
**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa li tat bidu għat-tlitt ijiem tal-Kwaranturi Mqaddsa. L-adorazzjoni solenni kompliet mal-ġurnata kollha bejn Quddiesa u oħra.
**06.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar mill-kapitlu tal-kolleġġjata.
**07.00pm:** Dun Ġużepp Gauci mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fi tmiem l-ewwel jum tal-Kwaranturi Mqaddsa.
**» 28 ta' Mejju**
Kien hemm fil-bażilika adorazzjoni solenni mal-ġurnata kollha bejn Quddiesa u oħra.
**06.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, mexxa fil-Katidral ta' l-Assunta l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' seba' saċerdoti ġodda, fosthom Dun Simon Mario Cachia mill-parroċċa tagħna, u Dun Samuel Grech.
**06.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar mill-kapitlu tal-kolleġġjata.
**07.00pm:** Dun Ġużepp Gauci mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fi tmiem it-tieni jum tal-Kwaranturi Mqaddsa.
**08.00pm:** Saret Quddiesa mill-*Moviment Ewkaristiku Djoċesan* li fetħet l-adorazzjoni solenni organizzata mill-istess moviment, u li baqgħet sejra sa 12.00am, fejn ħarġet Quddiesa oħra.
**» 29 ta' Mejju**
**04.30pm:** Saret it-talba ta' l-Għasar flimkien mal-ġemgħa.
**05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Pontifikal Solenni tal-Kwaranturi Mqaddsa, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Fil-bidu tagħha hu ppreżenta lill-komunità parrokkjali s-saċerdot ġdid mill-parroċċa li kien għadu kemm ġie ordnat il-jum ta' qabel, Dun Simon Mario Cachia.
**06.00pm:** Bdiet ħierġa mill-bażilika l-purċissjoni Ewkaristika pontifikali, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, il-kleru sekulari u reliġjuż tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-djoċesi, u l-fratellanzi tal-parroċċa, it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-adolexxenti li rċivew is-sagrament tal-Konfirmazzjoni. Il-purċissjoni daret mal-toroq tal-Belt Victoria, fiha ngħatat darbtejn il-Barka Ewkaristika, u ntemmet mill-ġdid bil-kant tat-*Te Deum* u ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-bażilika.

# San Ġorġ enfasizzat bħala "wirt komuni għall-Insara kollha"

## Il-festa liturġika ttrasferita għas-6 ta' Mejju 2011

Minħabba li ħabtet f'Sibt il-Għid, il-festa liturġika ta' San Ġorġ, Patrun ta' Għawdex, din is-sena fid-djoċesi tagħna ġiet ittrasferita għall-Ġimgħa 6 ta' Mejju, li fuq il-Kalendarju Ġuljan jaħbat il-jum li fih jiċċelebraw lil dan il-qaddis il-Knejjes tal-Lvant.



Ritratt: Daniel Cilia

Fil-bażilika t-tħejjijiet saru bi tlitt ijiem ta' Tridu solenni bejn it-2 u l-4 ta' Mejju, immexxi mill-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia. Imbagħad il-Ħamis 5, lejlet il-festa, saret Velja Ekumenika fi Pjazza San Ġorġ, immexxija minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, li bdiet fit-8.00pm, u li għaliha attendew ukoll membri tal-Komunjoni Anglikana flimkien mal-Kan. Simon Godfrey, Kanċillier tal-Katidral Anglikan fil-Belt Valletta. Il-velja, li għaliha nħarġet fil-bieb l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, inkludiet mumenti qawwija ta' qari ta' kitbiet ta' Santi Padri u qaddisin oħra fuq San Ġorġ, fosthom Santa Briġida ta' l-Isvezja, San Andrija ta' Kreta u San Pier Damiani; talb lil San Ġorġ meħud mil-liturġiji tat-tliet denominazzjonijiet Kristjani; kif ukoll kant liturġiku u devozzjonali. Fiha l-Insara miġbura flimkien talbu l-interċessjoni ta' San Ġorġ fuq il-gżejjer tagħna.




Mons. Isqof mexxa wkoll l-Ewwel Għasar Pontifikali fil-bażilika, fis-6.30pm, u mbagħad mexxa l-Pontifikal Solenni tal-Ġimgħa 6 ta' Mejju, fis-7.00pm, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, u tal-Kor *Laudate Pueri* li esegwixxa l-*Missa Sanctæ Ioannis Baptistæ*, orkestrata minn Giuseppe Giardini Vella. Kemm f'dan il-pontifikal u kemm fil-velja ta' lejliet, l-Isqof Grech tkellem fuq San Ġorġ, "wirt komuni għall-Insara kollha", bħala eżempju ta' fedeltà lejn il-fidi, u talbu jieqaf mal-poplu tagħna f'dan iż-żmien ta' għażliet importanti. Qabel il-pontifikal, fis-6.30pm, Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa t-tieni Għasar solenni.

Dritt wara l-funzjoni fil-bażilika, il-Banda Ċittadina *La Stella* għamlet marċ brijuż minn Pjazza San Ġorġ sas-sede tagħha fi Triq ir-Repubblika, bl-istatwa ta' San Ġorġ, xogħol Austin Camilleri. F'nofs in-nhar is-Soċjetà *La Stella* ħadet ħsieb ittella' wkoll *L-Ikla ta' Jum San Ġorġ* fil-Każin *La Stella*.




Għal aktar informazzjoni, aġġornamenti kontinwi, ritratti, *podcasts*, u *online streaming* idħol fuq:

www.stgeorge.org.mt
www.lbv104.com